JUNIOR COLLEGE
LIBRARY

# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-'GĦAQDA TAL-MALTI' (UNIVERSITÀ)

F'ILSIEN ART TWELIDNA L-GĦAQDA
TA' ĠENSNA U ĠRAJJIETNA

ID-XXIX SENA 1960 GĦADD 1

TELEVISION
bil-

# LOEWE-OPTA

L-Isem li Kullħadd Irid f'Daru
Għall-Ġmiel u l-Istil tax-Xogħol...

Is-Sett li Qiegħed Jidħol f'Kull Dar...

Is-Sett li Jagħti lill-Familja
Ħajja Sħiħa ta' Soddisfazzjon

**Il-Garanzija Tagħna :-**

Servizz minnufih u ta' effiċjenza kbira
minn tekniċi ta' ħila

Meta Tiġi biex Tagħżel is-Sett Tiegħek
Ikkonsulta lill-Aġenti Waħdanin ta'

**LOEWE-OPTA**

WESTERN RADIO SERVICE
701, High Street, Hamrun
Telefon: Valletta 3056

FERGHAT

Tas-SLIEMA: Bonnett Stores, B. Cathedral Street, u Azzopardi Jewellery, Prince of Wales Road; il-GŻIRA: Oscar Cutajar, Reid Street; PAWLA: Cassar Radio Service, Cospicua Road; ŻEJTUN: J. Desira, St. Mary Street; RABAT: F. Vassallo, Saqqajja Square; VALLETTA: F. Farrugia, Old Mint Street; GHAWDEX: J. Calleja, Racecourse Street, Victoria.

# LEĦEN IL-MALTI

ID-XXIX SENA | 1960 | GHADD 1

DAN IL-GHADD FIH:
DUN KARM PSAILA: *Taħdita fuq il-Poeżija Maltija* – ĠUŻE CHETCUTI: *Il-Għanja tal-Helsien* – A. CREMONA: *Angel De Saavedra; Il-Fanal ta' Malta Teddy Boy* – A. BUTTIĠIEĠ: *Niftakar* – KARMENU MALLIA: *Proficiscere Anima* – Ġ. AQUILINA: *Il-Fortuna tal-Bakkaljaw* – Ġ. CASSAR-PULLICINO: *Kwadri mill-Ħajja Maltija.*

## TAĦDITA FUQ IL-POEŻIJA MALTIJA*

Ta' Dun Karm Psaila

Kien ili żmien twil nixtieq nitħaddet ftit magħkom fuq il-Poeżija Maltija fil-medda kollha tagħha u xi ftit ukoll fuq il-Poeżija tiegħi.

Hawn jien il-lum, bil-permess u bil-għajnuna tal-kapijiet tagħkom, biex naqta' din xewqti u ngħidilkom xi ħaġa żgħira fuq dan is-suġġett li għalija, u naħseb għalikhom ukoll, hu ta' impurtanza kbira ħafna.

Ma hemmx għalfejn ingħid li jiena miniex ser ngħidilkom dak kollu li wieħed jista' jgħid fuq dan is-suġġett għaliex kont niġbed fit-tul wisq; biss sa nfittex nagħtikom xi tagħrifiet qosra fuq in-nisel jew bidu tal-poeżija f'Malta, u fuq il-ftuħ jew l-iżvilupp li din il-poeżija ħadet fiż-żmenijiet ta' l-aħħar.

Iżda qabel ma nibda nitkellem fuq il-Poeżija, jixraq nagħtikom xi tagħrif bħala dħul għas-suġġett, biex wieħed ikun jista' jifhem aħjar l-ispirtu, il-għan ta' din it-taħdita letterarja.

Jien irrid naħseb illi intom ilkoll li hawn qegħdin tisimgħu ħtiġilkom tgħaddu numru ta' snin f'kors preparatorju qabel ma ħadtu l-post tagħkom bħala mgħallmin fl-iskejjel; u l-istudju tal-lettaratura – letteratura Ingliża, Taljana u għandu mnejn Franċiża wkoll – kellu jkun wieħed mis-suġġetti l-aktar impurtanti li kellhom tidħlu għalih; u nistħajjel li intom ħadtu interess, jekk mhux kbir ħafna, imdaqqas f'xi xogħlijiet poetiċi ta' nies kbar Ingliżi bħalma huma Shakespeare, Milton, Thompson, Keats, Gray u oħrajn, jew ta' nies kbar Taljani, ngħidu aħna, Dante, Petrarca, Tasso, Manzoni, Foscolo, Pascoli, u oħrajn.

Issa la semmejna l-letteratura, xinhi l-letteratura?

Jekk tfittex din il-kelma fid-dizzjunarji jew f'xi manwali, intom issibu xi waħda minn dawn id-definizzjonijiet: 'Il-ġabra ta' dak is-sabiħ u t-tajjeb

* Din it-Taħdita Dun Karm Psaila għamilha fl-1942 lis-surmastrijiet ta' l-iskola ta' Ħaż-Żebbuġ u xi ħbieb tagħhom.

kollu li nkiteb f'pajjiż jew f'xi żmien: inkella, il-kitba li għandha s-siwi tagħha fil-ġmiel tal-kelma u fit-tqanqil tal-qalb li l-kelma tnissel u ġġib magħha'. Jiena naħseb li nistgħu ngħidulha: 'L-awtobijografija ta' Nazzjon', inkella 'l-Ħajja ta' Nazzjon miktuba minnha nfisha.'

Issa intom tafu illi n-nazzjonijiet, bħalma huma l-bnedmin meħudin wieħed wieħed, għandhom it-tfulija tagħhom, iż-żgħużija, il-miljatal-ħajja u għandhom ix-xjuħija. U kif aħna ma nistgħux nistennew, jew nippretendu, li tifel jew tifla taħseb u tikteb bħal wieħed kbir, hekk ma nistgħux nistennew li nazzjon fit-tfulija tagħha għandu jkollha letteratura bħal dik, jew daqs dik, ta' nazzjon fil-milja ta' żmienha. It-tfal u ż-żgħażagħ ukoll, jiċċaċċraw u jitkellmu ħafna, imma jaħsbu ftit: ix-xjuħ aktarx iħallu ċ-ċaċċrar u l-kliem fieragħ u jagħtuha għall-ħsieb u l-meditazzjoni tal-ħajja.

Minn dan intom taraw illi l-letteraturi għandhom, minn awl-id-dinja, ikunu mdaqqsin, jew proporzjonati għall-età u għall-karattru tan-nazzjonijiet li jagħmluhom. Ma jistax ikun hemm nazzjon tassew kbira b'letteratura żgħira, bħalma ma jistax ikun hemm nazzjon żgħira fid-daqs u fiż-żmien b'letteratura kbira. Il-letteratura Griega u l-letteratura Rumana kienu kbar, għaliex kienu kbar Atene u Ruma; u l-letteratura Ingliża hi kbira, għaliex kbira hija n-nazzjon Ingliża fiż-żmien u fil-ħakma tagħha fuq l-akbar imperu.

Issa, sal-bidu tas-Seklu Dsatax (XIX), jiġifieri sa xi mija u erbgħin sena (140) ilu, Malta qatt ma kienet nazzjon fis-sens veru ta' nazzjon. Għalkemm il-poplu Malti kien ġens għalih, jiġifieri poplu magħżul mill-oħrajn kollha, bil-lsien tiegħu, bid-drawwiet tiegħu, bir-reliġjon tiegħu, qatt imma ma kienu l-Maltin sidien tagħhom infushom, ma kellhomx istituzzjonijiet politki tagħhom, anqas ma kellhom liġijiet magħmulin minnhom; bilmaqlub, in-nies ta' Malta dejjem kienu taħt il-ħakma ta' nazzjonijiet barranin, u l-lsien tat-tagħlim, jew ta' l-edukazzjoni kien dejjem ilsien barrani. Għalhekk Malta ma sata' qatt ikollha letteratura tagħha.

Kien fl-ewwel snin tas-seklu li għadda, is-Seklu Dsatax, meta l-lehma jew il-ħsieb ta' Malta bħala nazzjon żgħira għaliha, għalkemm taħt il-wens jew protezzjoni ta' Potenza barranija, leħħet u xegħlet fil-moħħ u fil-qalb ta' ftit Maltin magħrufa, fosthom il-għaref Mikiel Anton Vassalli minn Ħaż-Żebbuġ; u kien dik il-ħabta u bil-ħila u bil-ħeġġa ta' dan Vassalli illi l-lsien Malti, bħala lsien nazzjonali tal-Maltin, beda jxenxel l-egħruq tiegħu fil-gżira tagħna.

Issa niġu għas-suġġett tal-poeżija.

Qabel dan iż-żmien li semmejna, jiġifieri l-ewwel għoxrin sena tas-Seklu Dsatax, ma kienx hawn poeżija Maltija miktuba u stampata; biss kienu jinsemgħu xi għanjiet maħdumin, imqabblin mill-poplu, li xi rġiel u xi nisa kienu jgħannuhom mal-kitarra jew ma' xi orgni tal-idejn fix-xtut tal-baħar

u f'xi festi popolari bħal nhar Lapsi. Għanjiet ta' mħabba wkoll kienu jgħannu ż-żgħażagħ fil-beraħ tar-raba', fit-triqat, jew fid-djar waqt id-deffa tax-xogħol.

Nistgħu nagħmlu eċċezzjoni waħda għall-odi, jew għanja qasira, li saret f'ġieh il-Gran Mastru Nicola Cottoner (1672-1675) miktuba minn Ġann Franġisk Bonamico, u li għadha merfugħa fil-Bibjoteka Rjali tal-Belt f'manuskritt tal-Kan. Ġann Franġisk de Soldanis, li jġib in-Numru 144. Il-Għanja tgħid hekk:

Mejju ġie bil-ward u ż-żahar,
Għadda l-bard, ix-xita, l-beraq,
Tgħattiet l-art bin-nwar u l-weraq,
Heda r-riħ, siket il-baħar.

Qajla ferħ kien f'hedil-għira
Li ma kienx minn iwennisha;
Li ma kienx min iħarisha
Kieku tibki l-ġuħ bħal lsira.

Tar is-sħab minn wiċċ is-sema,
Sa fl-iġbiel nibtet il-ħdura,
Reġgħet tgħanni kull għasfura,
U bil-ferħ kull qalb tirtema.

Inti l-ferħ u l-hena tagħna,
Cotoner, dawl ta' għajnejna;
Tant li s-Sema jħallik ħdejna,
Fl-akbar bard ikollna s-sħana.

Kien l-istoriku Franċiż, Le Chev. de St. Priest, l-ewwel wieħed li ġieh f'rasu jiġbor mill-fomm tal-Maltin tliet għanjiet popolari u jippublikahom fil-ktieb tiegħu *Malte par un Voyageur François*. Dan sar fl-1791.

Billi hu ma kienx jaf bil-Malti, talab lil wieħed saċerdot ħabib tiegħu, lil Dun Goacchino Navarro, li jiktibhomlu, u dan il-qassis, biex ma jiktibhomx bl-alfabet Għarbi, għax mhux kulħadd kien jaqra l-Għarbi, sawwar alfabet Malti bi tnax-il ittra meħudin mill-Għarbi, jew aktarx mill-Persjan, u b'ittri oħra meħudin mill-alfabet Taljan, u hekk it-tliet għanjiet dehru fil-ktieb ta' St. Priest.

Il-għanjiet huma dawn:

1

Min jitma fit-tama,
It-tama tqarraq bih;
Jagħmel ir-riħ fil-bomblu,
Jaħseb li jsiefer bih.

2

Smajt l'inti tarbit l-imħabba;
Għidli fl-imħabba xi ġralek,
Ejja tħaddet għommtok miegħi
Għax nibża' l'jien ġrali bħalek.

3

Għ'dira li tixrob minnha
Ngħidlek la ddardarhiex,
Għax imur żmien, jiġi ieħor,
Tfittixha u ma ssibhiex.

Dana St. Priest ighidilna wkoll illi l-ħajra, il-ġibda, l-imħabba għall-poeżija kienet aktarx imdaħħla fil-poplu Malti mill-Griegi, u li l-Għarab imbagħad taw lill-għanja popolari Maltija dawk il-lwien Orjentali u dawk il-kisriet tal-leħen hekk sbieħ li għadhom fil-għanja Maltija sal-lum.

Ngħid is-sewwa, il-versifikazzjoni, jew it-tiswir tal-versi, fit-tieni waħda minn dawn it-tliet għanjiet, kienet bħal ħawditni daqsxejn. Ara għaliex: il-versi tagħha, kif tara l-għajnejn, huma versi tat-tmienja, jiġifieri ta' tmien sillabi kull wieħed, li huma dejjem magħmulin minn żewġ gruppi ta' erba' sillabi, bl-aċċenti tal-leħen fuq it-tielet sillaba ta' kull grupp, bħalma tistgħu taraw minn dawn l-eżempji li ġejjin:

1. *Taljan:* Rondinella pellegrina
Che ti posi sul verone
Ricantando ogni mattina
Quella flebile canzone,
Che vuoi dirmi in tua favella,
Pellegrina Rondinella?

2. *Ingliz:* Tell me not in mournful numbers
Life is but an empty dream...

3. *Spanjol:* Ven, Angelica, con migo
Que la barca nos espera
Y los astros en la esfera
Ya comienzan a brillar...

4. *Latin:* Stabat mater dolorosa
Juxta crucem lacrimosa...

5. *Malti:* Belt ta' qalbi, binti l-ħelwa,
Jien minn qabri qomt narak;
Tagħarfux lill-missier tiegħek
Li rabbiek u l-barka tak?

Issa fit-tieni għanja l-aċċenti ma humiex qegħdin skond din ir-regula u għalhekk jiena ridt insib dak kienx xi żball fit-tiswir tal-versi, inkella xi sigriet li jiena ma kontx naf bih. U fraħt mhux ftit meta sibt illi l-versi kienu tassew versi tat-tmienja, magħmulin b'ritmu divers minn tas-soltu, jiġifieri bl-aċċenti tal-leħen flok fuq it-tielet u s-seba' sillaba, mqegħdin fuq l-ewwel waħda, fuq ir-raba' u fuq is-seba', hekk:

Smajt l'inti tarbit l-imħabba
Għidli fl-imħabba xi ġralek...

U fraħt iżjed u iżjed, għaliex billi ftit qabel il-poeta Taljan Giosuè Carducci kien ippublika xi poeżijiet bil-versi tat-tmienja kollha aċċentati hekk, jiena kont ħsibt illi kien hu l-ewwel poeta li sawwar il-versi tat-tmienja b'ritmu hekk sabiħ, u qatt ma bsart, qabel ġiet din il-għanja f'idejja, illi kien il-poplu Malti l-poeta li qabel Carducci niseġ u ħadem hekk il-versi tat-tmienja.

Issa nidħlu fis-suġġett tagħna proprju.

L-eqdem eżempju ta' poeżijiet bil-Malti stampati li ġew f'idejja, kienu fi ktieb li jismu *Ktieb il-Qari Malti* jew *Daħla għall-Ilsien Malti* fuq l-inizjali V. &. P. – aktarx Vella Francis u Pulis Montebello Ġużè.

Haġa kurjuża, dan il-ktieb Malti, u għandu mnejn l-eqdem wieħed, ma kienx stampat hawn Malta, iżda l-Italja, fil-belt ta' Livorno, fl-1824, u l-ktieb hu ddedikat lil wieħed saċerdot, ir-Rev. Dun Luigi Camilleri.

Il-poeżijiet tiegħu ma humiex ħlief qwiel jew proverbji u tagħlimiet spiritużi mimlijin bil-għerf li jiġi mit-tiġrib jew esperjenza, imqabblin f'versi.

Biex nurikom kif inhuma maħdumin, sa nġibilkom xi siltiet bħala eżempji:

1. Ix-xirka omm il-qawwa
Mingħajrha ma hemmx saħħa;
Ara kemm tiflaħ gumna,
Mifruda xejn jaqtagħha.

Jiġi xi jgħakkes lilu
Min ikażbar lil maħqur;
Il-baħar jimla w jofrogħ,
U d-dinja dejjem iddur.

2. Ix-xogħol iwettaqna,
Fil-ħena jrabbina,
Mid-deni jbegħidna
U mill-għada ħażina,

Il-għażż iġibna foqra,
U ftit-tiġrib jitfagħna;
Tiġrif tiġrif isejjaħ,
L-aħħar tiġrif jiblagħna.

Iżda l-ewwel kittieb ta' versi Maltin li jistħoqqlu tassew dan l-isem – iċ-Chaucer tal-letteratura Maltija – hu r-Rev. Dr. Ludoviku Mifsud Tommasi. Dan qaleb f'versi Maltin l-innijiet kollha li jingħadu fil-quddies u fl-uffizzju, u ħariġhom taħt l-isem ta' *Innijiet Imqaddsa* għall-ħabta tas-sena 1834.

Barra minn dawn l-innijiet hu kiteb ukoll ħafna kurunelli u innijiet għall-qaddisin titulari li għadna nisimgħuhom sal-lum fit-tridwi u fin-noveni li jsiru qabel il-festi tagħhom.

Ludoviku Mifsud Tommasi hu wkoll l-awtur ta' ktieb ieħor ta' poeżiji illi jaħasra ma kien qatt ippublikat. It-titlu tiegħu hu *Il-Għana tan-Nisrani* – Miġbur f'dan il-ktieb ta' Talb 'l Alla – Hedma tas-Saċ. Dr. Ludoviku Mifsud Tommasi. Dan il-manuskritt ġie f'idejja mit-tjieba ta' wieħed ħabib tiegħi li fiż-żmien li jiena kont il-Bibljoteka tal-Belt ma kien jegħja qatt ifittex xi manuskritti qodma u dokumenti oħra li jistgħu jsaħħu u

jwettqu l-istorja ta' Malta l-ħanina.

Naħseb li xi eżempji minn dawn l-innijiet jistgħu jogħġbukom:

1. Mill-*Vexilla Regis prodeunt* tal-Festa tas-Salib:

L-istandard tas-Sultan ħiereġ
Bħala xemx jiddi s-salib
Li mewt fuqu l-Hajja ħadet
Biex mill-mewt il-ħajja ġġib.

2. Mill-manuskritt: *Talba ta' Filgħodu:*

Ja Mulejja, ħoll'li lsieni
Biex infaħħrek sa minn kmieni;
Il-għajnuna lili newwel
U ma' qalbi rtabat l-ewwel.

3. Mit-*Tħejjija għall-Qrar:*

Dineb David u dnibt jien,
Maħfra lilu, Sinjur, tajt,
Għax quddiemek sogħba kbira
Dik is-siegħa f'qalbu rajt.

Maħfra bħalu nixtieq naqla',
Għalhekk int għallimni liema
Ġewwa qalbi l'hi muġugħa
Għandi jkolli kbira ndiema.

Il-poeta Malti li ġie wara Mifsud Tommasi, imma aktar oriġinali u aktar elevat minnu, kien il-Professur Gio. Anton Vassallo (1817-67) Dan kien Malti kif għandu jkun, li ħabb lil Malta minn qalbu, u ħabbha kollha kemm hi, u mhux taqsima jew parti minnha. Kien bniedem għaref, u kiteb għall-ġid tal-pajżani tiegħu kollha. Għan-nies ta' l-iskola, li kienu jaqraw u jifhmu t-Taljan, li fi żmienu kien il-lsien tat-tagħlim fl-iskejjel, kiteb l-istorja ta' Malta f'dak il-lsien, u kiteb hekk tajjeb li saħansitra professuri Taljani bagħtu jifirħulu u faħħruh saħansitra b'versi sbieħ ħafna: għall-Maltin li ma kinux jafu bit-Taljan, kiteb storja ta' Malta qasira bil-Malti, u ħafna poeżijiet ta' sengħa kbira li f'qasir żmien innies tar-rħula kollha tgħallmuhom bl-amment, u jiena stess fi tfuliti smajt bosta ommijiet itennuhom lil uliedhom, jew lilhom infushom bl-akbar għaxqa ta' qalbhom.

Isimgħu b'liema mħabba u b'liema ħlewwa jkellem lil din l-art ta' twelidu:

Int sabiħa, O Malta tagħna,
Mhux għax Malti nfaħħrek jien,
Isemmik id-dinja kollha,
Magħruf ġmielek kullimkien.

Imgħottija bl-isbaħ sema,
L-ogħna dawl ix-xemx tagħtik,
Ma xxawtekx, bil-ħlewwa ssaħħnek,
Ġid iġġiblek u tqawwik.

Xi ġmiel ta' versi! X'għażla ta' kliem ħelu u sabiħ! Isimgħu issa kif dan il-poeta, li kien jaf biżżejjed x'niket tista' tagħti l-ħajja, jibki lil żgħużitu:

O żmien ħelu, kif għaddejtli,
Żmien ta' meta kont bla ħtija!
It-tifkira biss ħallejtli.
Biex il-għira nħoss għalik:
Int ma tarġa' iżjed għalija
U sal-mewt indum nibkik.

Poeta ieħor tajjeb kien Dwardu Cachia, surmast fl-iskejjel tal-Gvern, imwieled l-Isla fl-1858 (miet fl-1907).

Dan kellu żewġ taqsimiet fil-ħajja letterarja tiegħu. Fl-ewwel waħda kien aktar dilettant tat-taqbil milli poeta, u s-suġġetti li kien jagħżel kienu aktarx fiergħa. Dawn il-għanjiet tiegħu hu kien isejħilhom 'Ċajtu Hmerijiet'. Kienu ippublikati fl-1886 bl-isem ta' *Taqbil bil-Malti* ta' Dwardu Cachia.

Iżda fit-tieni taqsima kiteb aħjar. Aktarx li hu kien ġie taħt il-protezzjoni u taħt l-influwenza ta' xi membri għaqlin tax-Xirka Xemija (Società Semitika) illi kienu ntebħu bix-xejra qawwija li Dwardu kellu għall-poeżija u ħajruh jikteb versi aktar bis-sengħa u aktar ta' fejda, billi jagħżel suġġetti aktar interessanti u aktar fejjieda minn dawk li kien għażel qabel.

Hekk ġara li hu mexxielu jħallilna waħda mill-isbaħ poeżijiet tal-letteratura bikrija tagħna, *Katrin ta' l-Imdina*, fi tliet parti, jew taqsimiet.

Fl-ewwel parti jiddeskrivi sabiħ ħafna t-tieġ tal-Hakem jew Gvernatur ta' Malta taħt l-Ispanjoli ma' Katrin, xebba għanja Maltija, mill-Imdina, li dak iż-żmien kienet il-Belt ewlenija tal-Gżira.

Fit-tieni taqsima hemm deskrizzjoni qawwija ta' l-inżul ta' ħafna sibbien, jew kursari, fix-xtut ta' San Pawl il-Baħar; l-aħbar ta' dan l-inżul, sewwa sew wara t-tieġ tal-Hakem ma' Katrina; il-ġirja tal-Hakem ma' tliet mitt raġel magħżulin, biex jilqgħu lis-sibbien; it-taqbida; il-mewt tal-Hakem u r-rebħa ta' l-aħħar tal-Maltin.

Fit-tielet taqsima, id-deskrizzjoni tan-niket u tat-telfa ta' Katrin meta l-Maltin rebbieħa jidħlu fl-Imdina bil-katavru tal-Hakem.

Isimgħu kemm tagħlaq tajjeb l-aħħar xena ta' l-imsejkna Katrina:

Min jista' jgħid x'ħasset
Kif semgħet l-aħbar
Katrina? Bħal berqa
Dlonk ħarġet mid-dar;

Il-ħbieb marru wrajha
Sabiex iżommuha,
U lkoll daru magħha,
U riedu jsabbruha,

Bħal ġenn hawn jaqbadha,
Ma trid tisma' 'l ħadd;
Bdiet twarrab b'idejha;
Bikkiet lil kulħadd.

X'ħin tilmħu, tintilef
U taqa' hemm fl-art
Fejn kienu filgħodu
Xerrdulhom il-ward.

Minn xebba w għarusa
F'ħin wieħed dil-mara
Ittejjeġ u tormol....
Min jista' jsabbarha?

Poeżija bħal din jiena ma xtaqtx li tibqa' bla magħrufa; għalhekk jiena għamiltilha kumment aktarx wiesa', ġbart xi tagħrifiet fuq il-ħajja ta' l-awtur u stampajt kollox fl-1934.

Iżda ma hemmx dubju li wieħed mill-aħjar letterati Maltin ta' l-aħħar biċċa tas-seklu li għadda u tal-bidu ta' dan li aħna fih, hu l-Kavalier Ġużè Muscat-Azzopardi, prokuratur legali.

Dan twieled fl-ewwel ta' Settembru ta' l-1853, u miet fl-4 ta' Awissu 1927. Kien bniedem reliġjuż, għaqli u ħaddiem; u għal-lsien Malti ħadem bla heda. Hu ippublika ħafna xogħlijiet letterarji sewwa fi proża sabiħa u sewwa f'versi tajbin, biċċa oriġinali u biċċa traduzzjonijiet minn ilsna oħra. Ir-rumanz tiegħu *Nazju Ellul,* maħruġ fl-1909, hu, bla tmerija, wieħed mill-aħjar xogħlijiet tiegħu tal-proża.

Fl-1890 ħareġ l-ewwel poeżijiet tiegħu bit-titlu ta' *Ħamsin Poeżija bil-Malti.* Iżda sa hawnhekk hu kien aktarx mexa fuq l-atar tal-qabbiela ta' qablu, u kiteb il-poeżiji tiegħu aktar biex igħin lill-lsien Malti fit-tixrid tiegħu, inkella biex iqiegħed is-sisien tal-letteratura b'lewn nazzjonali. Kien fit-tieni għaxar snin ta' dan is-seklu, li hu ipprova jitla' telgħa 'l fuq aktarx imħajjar mill-eżempji tiegħi u kiteb poeżijiet tal-qabda, sbieħ fil-kelma u fil-ħsieb li aktarx jibqgħu ħajjin għal bosta u bosta żmien. Il-poeżijiet tiegħu 'Sawl ta' Tarsu', 'Lil Sidtna Marija tal-Karmnu', 'It-8 ta' Settembru', 'Lil San Franġisk t'Assisi' u oħrajn jibqgħu bla biża' xejn ħajjin fost l-istudenti tal-letteratura Maltija.

Isimgħu kif jiddeskrivi tajjeb lil Sawlu ta' Tarsu fuq it-triq ta' Damasku u l-konverżjoni tiegħu:

Ħalef: u kliemu,
Jidrob, isaħħar,
Lhudin u nsara
Kexkex għall-aħħar.

Meta l-ħaġġara
Għad li żagħżugħ
Magħhom fil-qatla
Kienu xirkuh.

Għax l-ebusija
Ta' dik ir-rieda
Fil-mewt ta' Stejfen
Kienet tat xhieda,

Ħalef: u jonfoħ,
Damasku, lmaħtu
Aktar miż-żiemel
Li kellu taħtu,

Milbut, imnaffar,
Għal fuqek ġej,
Għodda misħuta
Tal-Fariżej....

Imma x'ħin qorob
Lejn biebek, ħass,
B'nifs għall-għarrieda
Qalbu tirtass;

U leħħet dija
Ma' dawk id-dwar,
Mix-xemx wisq aqwa
Ta' nofs in-nhar...

U sama' leħen
Hiereġ mid-dija:
'Sawl, Sawl, għax qiegħed
Tagħmel għalija?'

U Sawl, imrażżan
Dawlu mitluf,
Inbidel f'daqqa
Minn dib f'ħaruf.

Issa erba' kelmiet fuq il-poeżija tiegħi, u kif ġara li jien bdejt nikteb versi bil-Malti.

Għodwa waħda sabiħa, fl-1911, Mons. P. Galea u s-Sur Ġużè Muscat Azzopardi, li għadna kif għamilna tifkira tiegħu bħala poeta, waqqfuni fil-Pjazza tal-Palazz, il-Belt, u Mons. Galea, ħabib tiegħi mill-qodma, qalli: 'Dun Karm, aħna ser nibdew noħorġu perjodiku bil-Malti *Il-Habib,* bil-ħsieb li nagħtu fih liż-żgħażagħ Maltin xi ħaġa xierqa u sabiħa, sewwa għal dik li hi edukazzjoni morali u sewwa għal dak li hu żvilupp letterarju ta' l-għażiż ilsien tagħna. Inti, issokta, jgħidli għandek tiktbilna xi poeżija sabiħa bil-Malti għall-ewwel ħarġa.'

Jiena dejjem kont ħabbejtu l-ilsien Malti, imma sa dak in-nhar qatt ma kont ktibt versi bil-Malti. Għalhekk jiena weġibt: 'X'nista' nagħmillek jien, Mons; jien qatt ma ktibt versi bil-Malti.'

Mons. Galea reġagħli: 'Ma jimpurtax: jeħtieġ tipprova u tibda issa: Jien żgur illi l-Madonna tgħinek.'

Jiena qatt ma ħabbejt ingħid 'Le' lill-ħbieb tiegħi; għalhekk infridna bil-wegħda li jiena nagħmel l-aħjar li nista'.

Filgħaxija, filwaqt li kont waħdi fl-appartament tiegħi ta' Strada Forni, il-Belt, fejn kont noqgħod dik il-ħabta, qgħadt għarrkubtejja quddiem xbieha tal-Madonna li kelli f'kamarti u għidtilha: 'Għażiża Ommi, għidli Int x'għandi nikteb; jiena nixtieq nibda b'poeżija miktuba għalik.'

Leħen ġewwieni weġibni: 'Ikteb sewwa sew dak li inti qiegħed tħoss bħal issa'.

Qomt bil-ġirja, mort fuq l-iskrivanija, qbadt il-pinna u ktibt fuq folja karta: 'Quddiem Xbieha tal-Madonna'. U f'anqas minn erbgħin minuta ħarġet l-ewwel poeżija tiegħi bil-Malti.

Intom tistgħu taqraw din il-poeżija fl-ewwel faċċata tat-tieni volum tal-*Għana ta' Dun Karm.*

Tistgħu taħsbu li Mons. Galea u Muscat-Azzopardi ma ħallewnix aktar bi kwieti, u waħda kultant, poeżijiet oħra ħarġu, u fl-1916, ġabra ta' sittax-il-poeżija tiegħi dehret fi ktieb ta' Mogħdija taż-Żmien tas-Sur Alfons M. Galea, bl-isem ta' *L-Ewwel Ward.*

U ktibt poeżijiet oħra, li swewli tifħir u ġieh minn banda u tmaqdir u tgħajjir minn oħra; u fl-1920 xi ħamsa u għoxrin poeżija oħra dehru bit-titlu ta' *Ward Ieħor.*

Hawnhekk kien il-bidu tar-rebħa tiegħi, għaliex f'ġurnali li ma kinux ħbieb tal-qalb tal-Isien Malti dehru artikoli li tkellmu bl-akbar ġieh fuq dawn il-versi tiegħi.

Poeżija minn tiegħi li qajmet bħal rivoluzzjoni fiċ-ċirkoli letterarji ta' Malta, u xi ftit ġo l-Italja wkoll, kienet 'Il-Musbieħ tal-Mużew'. Il-lehma ta' din il-poeżija ġietni minn musbieħ tal-fuħħar li kien magħluq ġo vetrina fil-Mużew tal-Belt, u li kellu minqux fil-wiċċ tiegħu s-simblu tal-Ħuta, li bih l-Insara kienu jingħarfu bejniethom bla ma jinkixfu mill-barranin: il-Ħuta bil-grieg ἰχθῦς, li biha l-insara kienu jifhmu 'Ġesù Kristu Bin Alla Salvatur'.

Ktibt din il-poeżija fl-1921, meta jiena kont nagħti lezzjonijiet tal-Arkeoloġija u ta' l-Istorja tal-Knisja fis-Seminarju ta' l-Imdina.

Poeżija oħra li għamlet impressjoni qawwija u qalgħet tifħir hawn Malta u barra minn Malta, kienet 'Il-Ward li tgħid Grajjietha', fejn il-warda li kienet tfisser il-virtù tar-rażna u tal-mistħija li hija karatteristika ta' l-imħabba f'xebba għaqlija, intemmet mirfusa mis-saqajn fit-telfa ta' żifna bla rażan.

Fl-1927, wara talba ta' Mons. Ferris, li dik il-ħabta kien Ministru tat-Tagħlim, jiena ktibt erba' innijiet għat-tfal ta' l-Iskejjel tal-Gvern – l-*Innu ta' Filgħodu; l-Innu ta' Filgħaxija; l-Innu ta' Mejju,* u *l-Innu tal-Qalb ta' Ġesù.* Dawn kienu immużikati mis-Surmast Ġużeppi Caruana, dak li kien immużika l-Innu *T'Adoriam Ostia Divina* li kien tkanta fil-Kungress Ewkaristiku ta' Malta, innu li l-lum hu famuż mad-dinja kollha.

Nixtieq li l-Innu ta' Filgħodu' u l-Innu ta' Filgħaxija' jerġgħu jidħlu fl-iskejjel.

Iżda l-biċċtejn xogħol tiegħi l-aktar importanti sewwa fil-għalqa tal-letteratura u sewwa fil-għalqa tas-sentiment nazzjonali kienu l-ewwel waħda t-traduzzjoni fil-Malti tal-poema famuż ta' Ugo Foscolo *I Sepolcri,* waħda mill-isbaħ u mill-aqwa poeżijiet li għandha l-letteratura Taljana; u t-tieni l-poema oriġinali tiegħi 'Il-Jien u lilhinn Minnu', li fil-fehma tiegħi kellu jkun is-sieħeb u t-temma ta' 'l-Oqbra' ta' Ugo Foscolo.

Kont xbajt nisma' kliem ta' tmaqdir fuq l-ilsien Malti, li xi wħud jew għax injuranti, jew għax imħajrin minn xi tama qarrieqa, kienu jtennu u jxandru fil-bliet u xi drabi fir-rħula, fit-triqat, fil-ħwienet u saħansitra fil-gazzetti; għalhekk jiena xtaqt b'qalbi kollha u bis-saħħa ta' fehmti

kollha, nuri lil ħuti l-Maltin illi l-Ilsien Malti – li kien x'kien hu l-Ilsien tagħna – jista' jnissel u jrabbi minnu nnifsu dawk ix-xejriet kollha karatteristiċi li jinsabu fi lsien letterarju; u fl-1927, meta l-Italja kienet qiegħda tfakkar bil-ġieh kollu ta' l-ewwel mitt sena mill-mewt ta' Ugo Foscolo għaddieli minn rasi l-ħsieb li naqleb fil-Malti l-*Carme* famuż tiegħu.

Billi din kienet biċċa xogħol iebsa bħaż-żonqor, jiena bqajt bejn ħaltejn, bejn iva u le; iżda meta fl-1929 aħna l-Maltin, u l-aktar aħna ż-Żebbuġin, konna qegħdin infakkru, bil-ġieh li jistħoqqlu, l-ewwel ċentinarju mill-mewt ta' Mikiel Anton Vassalli, il-missier tal-Ilsien Malti bħala lsien nazzjonali, il-ħsieb li naqleb 'I Sepolcri' tafa' egħruq ħoxnin f'moħħi u f'qalbi, intfajt għax-xogħol, u fl-1932 it-traduzzjoni ta' 'I Sepolcri' kienet ħaġa mitmuma; biss kien jonqos xi xogħol bl-imqass u tal-ħaffiefa, għax xi għoqda żgħira, xi żelluma u xi qamla f'biċċa xogħol bħal dik ma setgħux jonqsu.

Fl-1936, *l-Oqbra* ħarġu stampati mill-istamperija tal-Gvern, u kienet tassew edizzjoni minn kull naħa sabiħa.

Iżda jiena għandu jkun bniedem li ma jiġix f'tiegħu malajr. Ħsibt illi l-qlib, avolja jekk qlib tajjeb minn ilsna barranija, ma hux biżżejjed biex nuri dak li jiena ridt nuri, jiġifieri li l-Ilsien Malti għandu l-qawwiet u s-setgħat kollha biex ikun tassew ilsien letterarju u jistħoqqlu li joqgħod ma' l-ilsna letterarji tad-dinja: deherli li jkun jeħtieġ li jkun hemm xi ħaġa oriġinali mnissla minnu u fih, u ta' l-istess kobor u ta' l-istess mertu ta' xogħlijiet letterarji ta' pajjiżi oħra magħrufa. Ir-riżultat ta' din il-fehma tiegħi kienet il-lehma u l-ħdim ta' l-itwal poema tiegħi; *Il-Jien u lilhinn Minnu,* mitmum u ippublikat fl-1938.

Jiena sejjaħtlu lil dan il-poema, is-sieħeb u t-temma ta' *I Sepolcri* ta' Ugo Foscolo, għaliex dan Foscolo kien bniedem li ma kellu ebda Fidi u ebda tama Nisranija lilhinn mill-qabar; il-filosofija tiegħu kienet il-filosofija li tispiċċa fil-'Jien', jiġifieri razzjonaliżmu pur; filwaqt illi fil-'Il-Jien u lilhinn Minnu' ir-Raġuni, msieħba ma' l-Imħabba u mwettqa minnha, tnissel dik il-ħaġa moħbija li aħna nsejħu Fidi, jew Twemmin, illi filwaqt li donnha ċ-ċaħda tar-Raġuni tisfa' l-qofol tagħha, qofol li ma jiċċaqlaqx, li bih aħna nistgħu nifhmu bosta ħwejjeġ mostura, u nagħarfu kemm aħna ċkejknin aħna nfusna u kemm hu kbir Alla: il-*Credo ut intelligam* – Nemmen biex nifhem, ta' l-akbar u l-ifjen filosofu, li kien Santu Wistin.

Li b'dan il-poema jiena wasalt fejn kelli nasal, jiġifieri li nuri li l-Ilsien Malti jista' bla tiġbid, imma bi ftit tal-għaqal, ifisser dak kollu li jistgħu jfissru ilsna letterarji barranin, jidher mill-fatt li dan il-poema kellu l-ġieh li jinqaleb fil-Franċiż u fl-Ingliż, u sew f'Pariġi kemm f'Londra kellu l-isbaħ tifħija ta' għoġba u l-ogħla kliem ta' tifħir.

Issa naħseb li jiena tkellimt magħkom biżżejjed; nitma madankollu li

ma dejjaqtkomx. Issa kelma oħra u nagħlaq:

Intom tafu li l-poeżija hija l-kelma taż-żgħużija, u jiena bħalma taraw xjeħt ġmieli – il-lum nagħlaq disgħa w erbgħin sena mill-ewwel quddiesa tiegħi; għalhekk issa jmiss lilkom iż-żgħażagħ li telgħin li tkomplu torqmu u żżidu l-kelma Maltija.

Agħmlu ħilitkom biex titgħallmu sewwa dan il-lsien sabiħ tagħna; agħmlu ħilitkom biex tifhmu s-setgħat letterarji ta' saħħa u ta' ġmiel li għandu, u intom tibdew tħobbuh u tgħożżuh.

Hafna poeti żgħażagħ mixjin fuq il-passi tiegħi, u qegħdin jagħmlu versi sbieħ tal-għaġeb. Hafna mill-versi tagħhom ġew maqlubin f'ilsna oħra – Ingliż u Franċiż – u qalgħu tifħir sabiħ ħafna.

Jalla din it-taħdita tkun bħala żerriegħa illi fi żmien mhux bgħidtnissel u ġġib ħafna ward ieħor ta' poeżija fil-ġnien letterarju ta' Malta.

Niżżikom ħajr.

## IL-GHANJA TAL-HELSIEN

*Mill-ward, mix-xtieli ħodor*
*titla' ferrieħa w sbejħa*
*il-għanja tal-ħelsien.*

*Rebbiegħa ta' kant hieni*
*fil-qalb wir-ruħ tal-kotra,*
*fir-raba' wil-widien.*

*Il-mewġ fis-skiet tal-lejla*
*f'għanja ta' mħabba kbira*
*il-blat jgħannaq u jbus.*

*Il-kwiekeb qishom ġawhar*
*tad-deheb, jiddu w ileqqu*
*fuq sema tal-bellus.*

*U jien? Għid, jien x' ser nieħu*
*minn din l-għanja sabiħa,*
*minn dil-ħajja ta' ġid?*

*Jien nifraħ man-Natura,*
*u f' dak il-ferħ ta' seħer*
*nintemm bil-ftit il-ftit.*

8.iv.58 ĠUZE CHETCUTI

# ANGEL DE SAAVEDRA*

Ta' A. CREMONA

*Tagħrif fuq il-ħajja tal-poeta Spanjol, Angel de Saavedra, Duka ta' Rivas, meħud min-noti bijografiċi ta' Dr. Giovanni Sammut:* Apuntes Sobre La Vida Del Duque De Rivas y Su Lirica 'El Faro De Malta' *b'xi kummenti fuq poeżija lirika ta' l-istess Poeta: 'El Faro De Malta', li tagħha tingħata traduzzjoni libera.*

ANGEL DE SAAVEDRA, duka ta' Rivas, kien imnissel minn familja nobbli Spanjola, bin D. Juan Martin de Saavedra y Ramires *Grande de España.* Twieled fl-1791, fil-belt ts' Kordova fit-territorju ta' Andalusia fi Spanja.

Ta' sbatax-il sena daħal fl-armata spanjola u minnufih ġietu li jieħu sehem fil-gwerra ta' l-Indipendenza kontra l-Franċiżi, li fiha ġie ferut, u wara xi snin laħaq il-grad ta' kurunell tal-Kavallerija. Ma' tul ir-renju tà' Ferdinandu Sebgħa iż-żagħżugħ Angel de Saavedra sar deputat fil-Parlament Spanjol, iżda billi l-idejiet tiegħu politiċi ma kinux jaqblu ma' dawk ta' madwar ir-re huwa kellu jitlaq mill-art ta' Spanja u jmur jgħix f'artijiet oħra, u, għalhekk telaq għall-Ingilterra, u minn hemm ġie hawn Malta u fl-aħħar mar igħix fi Franza.

Kull bniedem li jkollu jgħix itturrufnat minn art twelidu jiġi waqtiet li jħoss l-pwieni ta' dik il-firda u x-xewqa kbira li jarġa' lejn daru u jgħix il-ħajja hekk ħienja fi ħdan niesu u fost ħbiebu li trabba magħhom; xejn inqas għalhekk dawk il-pwieni u dik ix-xewqa kellu iħosshom il-poeta Angel de Saavedra, u dan narawh mill-versi li kiteb kemm dam mifrud mill-belt għażiża tiegħu.

Ma' tul iż-żmien tat-turrufnament tiegħu, il-poeta Angel de Saavedra ta ruħu wisq iżjed għax-xogħlijiet letterarji, tant li wasal biex jikseb it-titlu ta' *El Quijote* tar-romantiċiżmu Spanjol. Xi kittieba kbar, fosthom Menendez y Pelayo kellhom l-akbar opinjoni sabiħa tiegħu għal dik li hija immaġinazzjoni u ritmu poetiku tiegħu.

F'Settembru tas-sena 1824, waqt li kien Londra fejn kien qed iħoss id-dwejjaq tas-sema iswed ta' fuq ix-xmara Tamigi, huwa kiteb *El Sueno*

*Fuq dan il-Poeta Spanjol f'*Il-Malti* ta' Settembru 1950, kienet dehret ukoll bijografija miktuba mill-Prof. Dr. G. Galea (Direttur ta' *Il-Malti*), kif ukoll traduzzjoni tal-poezija lirika 'El Faro de Malta' mill-pinna tal-magħruf poeta u lingwista Dr. Ġorġ Zammit, li jien ma sirtx naf bihom hlief wara li ktibt din il-bijografija u t-traduzzjoni ta' din l-istess poeżija, li biha kien nebbahni s-Sur G. Cassar Pullicino, il-Bibljotekarju tal-Librerija ta' l-Università.

Fiż-żewġ xogħolijiet, madankollu sew bijografiċi kemm poetiċi, il-qarrej għandu isib dettalji storiċi, ħsieb u stil differenti li jistgħu jinteressawh sew mill-aspett storiku kemm minn dak letterarju.

*del Proscrito* (Il-ħolma ta' lit-turrufnat), fejn fisser ix-xewqa kbira tiegħu li jarġa' malajr lejn il-kampanja msoqqija mix-xmara Guadalquivir ta' pajjiżu.

Kemm dam l-Ingilterra tgħallem l-ilsien Ingliż bil-ħsieb li sata' jkunlu ta' fejda sew jekk jibqa' jgħix f'dik l-art kemm jekk jkollu jgħix f'xi art tal-Mediterran taħt il-bandiera Ingliża.

F'Ġunju tas-sena 1825 huwa u għaddej minn Livornu għal Ruma, l-awtoritajiet diplomatiċi ma ħallewhx jissokta t-triq għal dik il-belt, u, għalhekk ipprofitta ruħu mill-passaport Ingliż li kien kiseb bis-saħħa ta' Lord Chatham f'Ġibiltà, u telaq għall-gżira ta' Malta fuq skuna Maltija li kellha l-isem ta' *Assunta* u wasal fil-port ta' Malta fl-4 ta' Settembru wara sitt ijiem baħar. Mir-registru tad-Dwana jidher li hu kien imniżżel bħala neguzjant (għax forsi ma riedx juri l-istat nobbli u politiku tiegħu) u li wasal hemm Malta flimkien ma' martu Maria de la Incarnacion de Cueto Y Ortega li kien iżżewwiġha sena qabel f'Ġibiltà.

Il-lirika tiegħu *El Faro De Malta* turi biżżejjed f'liema maltempata kbira kien daħal fil-port ta' Malta meta l-ajru u l-baħar kienu fl-eħrex taqliba u f'ħin ta' lejl waħxi u mudlam.

Il-poeta Spanjol ma kienx biħsiebu joqgħod għal żmien twil hawn Malta, iżda, billi hawnhekk sab xi ħbieb li minnhom kellu għajnuna kbira, huwa baqa' jgħix hawnhekk għal żmien ta' madwar ħames snin. Ċirkustanza li għinitu wkoll biex jibqa' f'Malta kienet it-titlu ta' Kavalier ta' l-Ordni ta' Malta li kienu tawhulu minn mindu kellu tliet snin, jiġifieri fl-14 ta' Ġunju ta' l-1791; dan it-titlu kien kisbu billi kien imnissel minn familja nobbli, b'degriet speċjali tal-Gran Kunsill ta' l-Ordni. Habat ukoll illi hawnhekk kien iltaqa' mal-magħruf diplomatiku u letterat John Hookham Frere li dak iż-żmien kien qiegħed fil-Villa tiegħu, il-Pietà. Il-poeta de Saavedra kien jaf lil Hookham Frere bħala Ambaxxatur Straordinarju f'Lisbona u Ministru Plenipotenzjarju f'Madrid, kif ukoll bħala bniedem letterat. Hookham Frere hawnhekk kellu l-kariga ta' President tal-Kunsill Ġenerali ta' l-Università. Il-poeta Spanjol ma satax jiltaqa' ma' bniedem aħjar li sata' jiswielu ta' ġid ma' tul il-qagħda tiegħu hawn Malta. L-ewwel biċċa ġid li l-poeta Spanjol ra minnu kienu l-kotba tal-librerija li kellu Hookham Frere u li fiha huwa sata' jedha fil-qari ta' xogħlijiet tal-letteratura Ingliża.

Kemm dam hawn Malta huwa kiteb xi poeżijiet, fosthom *Florinda* (1826) li fiha wera idejiet ta' klassiċiżmu li kien qed jaqleb għar-romantiċiżmu, u sentejn wara, il-poeżija lirika tiegħu *El Faro De Malta*.

F'Marzu ta' l-1830 il-Ministru Martignac fetaħ il-bibien ta' Franza għall-itturrufnati Spanjoli. Il-Poeta de Saavedra minnufih għalhekk, għamel, il-ħsieb li jipprofitta ruħu minn din l-opportunità u jitlaq għal Franza. Il-Gvernatur Ponsonby ipprovdielu, għalhekk, bastiment biex iwasslu Marsilja.

Fl-1834, meta kien Pariġi, kiteb waħda mill-opri l-iktar imsemmija El

*Moro Exposito* iddedikata lill-ħabib tiegħu John Hookham Frere. Fil-waqt li kien Franza jidher li ma kellux mezzi biżżejjed biex igħix skond il-kondizzjon tiegħu billi ma sataxx jirċievi il-flus tar-renti tal-proprjetà li kellu fi Spanja, tant li biex jaqla' x'jiekol kellu jipprofitta ruħu minn dik id-daqsxejn ta' arti tal-pittura li kien laħaq tgħallem hawn Malta minn għand il-pittur Malti Hyzler.

Fl-1842 ir-re Ferdinandu Sebgħa miet u l-poeta Angel de Saavedra sata', għalhekk, flimkien ma' oħrajn itturrufnati bħalu, jarġa' lejn pajjiżu. Habat li f'din l-istess sena kien miet ħuh il-kbir, u b'hekk huwa wiret it-titlu ta' Duka ta' Rivas, li bih huwa l-aktar magħruf fl-istorja tal-letteratura Spanjola.

Il-poeta, Duka ta' Rivas, għalkemm dejjem medhi bl-affarijiet diplomatiċi ta' pajjiżu u b'xogħlijiet letterarji, ma nisiex dil-gżira li kienet tatu kenn, laqgħetu, u li fiha sab nies li għinuh sew materjalment kemm spiritwalment. Fiha hu kien ra wkoll dik il-gżira storika li għandha l-isbaħ tifkirijiet ta' Difiża Nisranija kontra l-Qawwa Musulmana li kienet għoddha ħakmet nofs l-Ewropa, u li fis-Seklu Sbatax kienet qiegħda theddi li tixrob id-dinja kollha kieku ma kenitx ir-Rebħa fuq it-Torok tal-Kavalieri ta' l-Ordni u ta' Malta bħala Sentinella Avanzata tal-Ewropa Nisranija.

Il-Gvern Nazzjonalista ta' Spanja kien ħatru bħala Kap tal-Legazzjoni Diplomatika f'Napli, u meta kien sejjer lejn dik il-belt bil-bastiment tal-gwerra *Cristina* għadda minn Malta fejn xtaq jarġa' jara din il-gżira u xi ħbieb tiegħu. Dan kien fil-bidu ta' Marzu, 1843.

Il-poeżija lirika fuq il-Fanal ta' Malta hija waħda mill-isbaħ xogħlijiet poetiċi romantiċi u sentimentali ta' dan il-poeta Spanjol, u, meta wieħed iġib quddiem għajnejh l-impressjoni li ħalla f'moħħ il-poeta d-dawl tal-Fanal fid-daħla tal-Port ta' Malta, dak id-dawl li kien qed jofroq id-dlam ikrah u jiftaħ it-triq għad-daħla tal-port f'tempesta ta' baħar li kienet thedded id-daqsxejn ta' qlugħ miexi fost dawk il-muntanji ta' mewġ li riedu jibilgħuh, u t-tama kbira li nissel fih u fi sħabu kollha fuq dak il-qlugħ dak id-dawl li kien donnu nieżel mis-Sema biex jeħlishom mill-għarqa, ma nistgħux ma napprezzawx il-qawwa ta' l-immaġinazzjoni u tas-sentimenti li kellha toħroġ mill-pinna ta' dak il-poeta huwa u jikteb dik il-poeżija hekk pittoreska.

Din il-poeżija hija importanti mhux biss għal dak li hu valur letterarju tagħha, iżda wkoll bħala poeżija miktuba minn wieħed mill-aħjar poeti liriċi Spanjoli tas-Seklu Dsatax, u li l-ġrajja tagħha għandha rabta hekk sabiħa mal-gżira tagħna fejn il-poeta għax mal-ħames snin u baqa' marbut magħha għal ħajtu kollha.

Fil-ġabra ta' poeżiji liriċi *Las Cien Majores Poesias (Liricas) De La Lengua Castellana* li għamel Don M. Menendes y Pelayo huwa daħħal żewġ poeżijiet tal-poeta Duka ta' Rivas, fosthom *El Faro De Malta*, Din il-

poeżija, l-akkademiku Cañete deherlu li kienet hekk importanti għall-valur letterarju tagħha illi qraha flimkien mal-poeżija l-oħra ta' l-istess awtur *El Canto de la Vejes* (Il-Għanja tax-Xjuħija) fl-okkażjoni tal-funeral solenni li fih fl-1865 il-fdal tal-ġisem tal-poeta Spanjol ittieħed fil-qabar ta' niesu.

Mill-knisja ta' San Tumas il-katavru tiegħu kien inġarr fil-Belt ta' Rivas li minnha ttieħed it-titlu tad-Dukat tal-familja tiegħu, u ndifen fil-knisja tal-kunvent tal-patrijiet hekk imsejħin 'Mercenarios Descalzos' li dak iż-żmien kien waqa' f'idejh billi l-patrijiet kienu telqu minn dak il-kunvent. Hemm, għalhekk, il-poeta Spanjol, Duka ta' Rivas, kien mar igħaddi fi xjuħitu l-aħħar ġranet ta' ħajtu. Dan it-tempju tad-dijoċesi ta' Madrid huwa msemmi għad-devozzjoni kbira li hemm għax-xbieha mirakuluża ta' Kristu ta' l-Imnikktin (*Cristo de los Afligidos*).

Il-poeta nazzjonali Angel de Saavedra, Duka ta' Rivas, barra milli jibqa' msemmi għall-ġenju poetiku tiegħu, jibqa' msemmi wkoll għall-karattru sħiħ tiegħu fil-ħajja diplomatika tiegħu li fiha dejjem iġġieled għall-libertajiet u indipendenza tal-pajjiż kontra t-tirannija tal-kbarat.

## IL-FANAL TA' MALTA

(*Maqlub għall-Malti minn* El Faro De Malta *ta'* Angel de Saavedra)

LEJLA *ta' swied il-qalb tkeffen id-dinja,*
*Degħbien ta' riħ ikarwat u sħab iswed,*
*U dlamijiet wdħxija jħawdu s-sema*
*flimkien ma' l-art u l-baħar;*

*U int bla ma tidher tfeġġ rasek, u turi*
*Kuruna nar fuq ġbinek, bħallikieku*
*Sultan ta' dinja mqallba, tixgħel u tiddi*
*Bid-dawl tas-sliem u l-ħajja.*

*Għalxejn il-baħar igħolli l-ħalel tiegħu,*
*B'għajta jmur jaħbat ma' riġlejk, fejn b'ragħwa*
*B'ħalqu jinfexx iżid l-għadab u l-għajta,*
*U jaħbi l-port ta' Malta.*

*Int, b'ilsienek tan-nar, tgħidlu: 'Hawn qiegħed,'*
*Lill-bdot imbażża', bla ma issamma' leħnek.*
*Lilek bħal alla ta' riżq u ġid iqim,*
*U fik għajnejh isammar.*

*Lejla ħiemda fis-sema l-istar tagħha*
*Tifrex sabiħa, fil-waqt li fewġa ħelwa*
*Tħarrku kemm xejn — ġo qiegħ mirqum bi kwiekeb*
*Idur u jiddi l-qamar.*

*U inti fil-waqt li mgeżwer ġewwa daħna*
*Ta' dlamijiet u ċpar dlonk tħalli tidher*
*Is-sura tiegħek ta' ġgant u d-dijadema*
*Li tixgħel bħal tal-kwiekeb.*

*Jorqod il-baħar u siekta l-mewġa tiegħu,*
*Iżda qarrieqi jaħbi l-blat ta' taħtu;*
*Iqarrqu l-għajn tal-qlugħ kull skoll f'wiċċ l-ilma,*
*U d-dwal fil-għoli 'l bogħ'd.*

*Iżd'int li dawlek igħammex kull dawl ieħor,*
*Int, li fil-qagħda t-tron ta' sultan turi,*
*Bla ma titħarrek qatt, imexxih fi triqtu,*
*Twarrbu mill-qerq bis-sliem.*

*Ta' deb'n il-bniedem hekk tixgħel it-torċa,*
*Fis-saħna ta' xeħtiet il-qalb, fid-dalma*
*Ta' triq xortih minsuba kollha qerq,*
*Quddiem l-għajnejn tar-ruħ.*

*Mindu s-Sema ħanin għoġbu jagħtini*
*Ir-rizq ta' kenn, ta' dar li l-lum ġabritni,*
*Minn art li itturrufnaini, fuq dil-gżira*
*Ċkejkna li fuqha ssaltan;*

*Ma fittixt qatt, u lanqas darba waħda,*
*Li ġewwa ħdan l-irqad in-niket tiegħi*
*Jien ninsa bla ma nsellem id-dawl tiegħek,*
*U lejh għajnejja ndawwar.*

*Bħali min jaf kemm nies minn ħdan il-baħar,*
*Wara żmien twil, x'uħud lejn art twelidhom,*
*Reġgħu għad-dar għażiża fejn uliedhom,*
*Fejn il-maħbuba tagħhom.*

*Oħrajn maħruba, fqar u maħqurin*
*Ifittxu l-kenn, kif jien mill-bogħ'd fettxejtu,*
*U kif sabuh tgħidilna d-dija tiegħek,*
*Kewkba ta' dar ħanina.*

*Ixgħel u kun il-boxxla ta' l-imriekeb,*
*Li minn dari jġibuli, għalkemm mhux dejjem,*
*Aħbarijiet ta' niket, u xi vrejjes*
*Bi qtar ta' dmugħ imxarrba.*

*Met'inti l-ewwel darba għammixt l-imdejqa*
*Għajnejja, oh kemm ħassejtha qalbi tħabbat,*
*Tifraħ b'xortija, dik qalbi li kienet*
*Bl-imrar maħnuqa, imgħarrqa.*

*Ta' Ruma mix-xtajtiet għedewwa tiegħi,*
*Ta' Ruma qiegħda tnin, waqt li qed naħrab,*
*Mifxul mir-riħ u l-baħar f'degħbien aħrax*
*Rajt id-dawl tiegħek fis-sema.*

*U bħali ratu tal-baħrin iċ-ċorma,*
*U dlonk, fil-waqt li nsew il-wegħdiet tagħhom*
*U t-talb mitluf fid-dlam ta' l-ajru trux,*
*Bdew igħajtu: "Malta! Malta!"*

*U kont f'għajnejja sew bħal dik id-dija*
*Madwar ir-ras tax-Xbieha tal-Madonna,*
*Li fiha l-pellegrin, qalbu maqtugħa,*
*Ifittex sliem u faraġ.*

*Lilek ma ninsa qatt. . . Nibdel biss jiena*
*Id-dija t'għajnejk, iżda bla ma ninsieha,*
*Sultan tal-lejl, u l-fjamma hekk ħanina*
*Ta' ras il-għolja tiegħek.*

*Mal-fjamma u x-xrar ileqq li jitfa' u jidwi*
*Ma' tlugħ ix-xemx l-Arkanġlu miksi deh'b*
*Isaltan bħal kuruna fil-quċċata*
*Ta' Kordova fit-torri.*

A. CREMONA

## NIFTAKAR

*Niftakar*
*tal-qniepen il-mota ferrieħa,*
*u l-Ave Marija ta' Schubert,*
*taż-żahar il-fwieħa,*
*u l-għafsa ta' idek ma' drieghi,*
*u l-ħeġġa ta' wiċċek ħamrani.*
*u l-mantar bajdani*
*jitkaxkar mal-qiegħa*
*tal-korsija;*
*id-dija u d-dwal tal-parilja,*
*it-tokki taż-żwiemel għaddejja,*
*u l-ġemgħa bil-ħrara*
*ma biebna biex tara*
*sbuħitna,*
*mħabbitna,*
*u xita tar-ross*
*li niżlet*
*għal fuqna u mlietna;*
*imbagħad ix-xampanja*
*li tfawwar bil-qawwa,*
*bir-ragħwa,*
*u l-kejk qisu torri bajdan,*
*u l-*foxtrot *u t-*tango *u l-*waltzer,
*u s-sakra u ż-żifna*
*tal-qraba u l-ħbieb;*
*u mbagħad qajla*
*ftit ftit qabdu l-bieb*
*u bqajna ġo darna*
*fid-dawl tal-Madonna*
*weħidna flimkien*
*jien u int*
*u int u jien;*
*u jien kollni tiegħek,*
*u int kollok tiegħi,*
*bħal Eva u Adam:*
*qalb waħda, nifs wieħed,*
*int rieqda, jien rieqed,*
*u ħolma ta' hena,*
*ta' riżq, ta' tgawdija,*
*ta' dawl u ta' dija,*
*ta' ġid u ta' sliem*
*bla tmiem...*

*Niftakar*
*tal-qniepen il-mota newwieħa,*
*u r-riħa*
*tal-ward tal-kuruni,*
*u erba' gandlieri,*
*u żewġ filieri*
*ta' tfal tal-Istitut iltiema*
*igħidu l-Missiema u s-Sliema,*
*u r-*Requiem Aeternam,
*u stola sewdiena,*
*u ġemgħa bil-ħrara*
*ma biebna biex tara*
*żgħożitek*
*sbuħitek*
*hekk ħesrem mitmuma f'tebut;*
*it-tokki taż-żwiemel għaddejja,*
*il-ħsejjes tax-xorok jinqalgħu,*
*il-qabar, il-għadam, id-dud,*
*il-ħabel iżaqżaq mal-piż tat-tebut,*
*il-ħoss tal-kazzola mal-art,*
*u l-qabar jitgħatta bil-ward;*
*imbagħad lura d-dar,*
*u talb u rużarju*
*sa xħin il-ħin sar;*
*il-qraba u l-ħbieb*
*qajl qajl qabdu l-bieb,*
*u bqajna ġo darna*
*fid-dawl tal-Madonna*
*weħidna flimkien*
*jien u l-Baħħ*
*il-Baħħ u jien,*
*jien nibki, l-Baħħ jibki*
*ħdejn sodda ta' tnejn*
*mifruxa ta' xejn...*

15.iii.50. A. BUTTIGIEG

## PROFICISCERE, ANIMA

*Għadda f'ġirja tfajjel ħelu, ġismu ġamra jitfa' d-dawl;*
*Kien ħafif bħal għamar għoli f'nofs il-ġlieda minn fomm Sawl;*
*Il-Jum hieni illi jgħanni l-għanja mbissma tal-ħajjin,*
*Li tinbidel f'għanja mnikkta, l-għanja mnikkta tal-mejtin,*
*X'ħin quddiemna jdub u jidher, kobba sewda mingħajr lwien,*
*Jibki d-dawl li kellu jitfi fuq il-qabar twil taż-Żmien.*

*Fuqna jħaffef, jofroq l-ajru, il-ħuttaf mislut u żgħir:*
*Għas-sħab iswed, tqil u mdendel qisu jrid f'ġirjietu jgħir;*
*Qed iħabbar fuq l-egħlieqi miġjet l-ilma u l-irjieħ,*
*Għat-tbattil minn ġo l-imsieraħ qed jistieden u għall-mistrieħ.*
*Il-burraxka li qalila tersaq siekta fis-smewwiet*
*Tħoll ġisimha fuq il-bniedem, tkaxkar ruħha ġo l-ibliet:*
*Għax is-sħab jinħall u jgħarraq u s-sajjetti, mitlufin*
*F'ġenn il-leħħ u l-beraq isfar; qishom żwiemel maħrubin;*
*U l-irjieħ jikinsu l-osqfa, jinżlu jlebbtu ġot-triqat,*
*Igħannu dejjem l-istess għanja meta jgħixu das-sigħat.*

*Ruħ u ġisem! Waħda tkompli tterraq dejjem 'l hemm minn haw',*
*L-iehor igħib u jmut quddiemna, għax imut dak li naraw.*

*U għaliex qed ibeżżagħni dak il-lejl mitluf fiż-żmien,*
*Fejn jiddallmu ħbub għajnejja, nibda ninsa jien min jien?*
*Il-għaliex qed iwerwirni n-nifs imlieheġ u għajjien*
*Ta' l-arloġġ illi bħal tifel qed igħodd il-ħin, ħosbien?*
*Għax nitħasseb quddiem ħlejqa li jiċċaqlaq fiha d-demm?*

*'Naf għaliex: ma' kull ċaqliqa, qed tinqered u tintemm.'*
*U did-debra toħloq f'qalbi, bħala marda li ma tfieqx,*
*Il-weġgħat li jħoss min f'soddtu il-mewt tiġi ma jixtieqx.*

*Kewkba ħelwa, li ġo fija bla ma tehda tgħix u ttir,*
*Lewn il-ġawhra, li mingħajrek nisfa jien mill-ħajja fqir:*
*Ruħ qaddisa, l-isbaħ għanja li qatt għanna l-kbir Hallieq,*
*'Il quddiem! Lejn l-Art imwiegħda! Nemmen, nibża', 'mma nixtieq!*

24.vii.55.
*Vals-pres-le Pay,*
*Haute Loire,*
*Franza.*

KARMENU MALLIA

# IL-FORTUNA TAL-BAKKALJAW

Ta' Ġ. Aquilina

Tonina. Mhux li kien jitla'!... mhux jaħasra!... forsi ma tafx kif jitla' ... forsi sa fl-aħħar dik l-imbierka tiftakar fina.

Spiru. Min jiftakar fina, ma?

Tonina. Il-Fortuna, ibni.

Spiru. Il-Fortuna?... min hi l-fortuna?... x'tagħmel?

Tonina. Il-Fortuna tagħmel in-nies għanja u n-nies fqar... lil x'uħud tixtħilhom il-flus bil-bramel, u lil x'uħud tagħtihom bis-sieq.

Spiru. Lilna x'għamlitilna, ma?

Tonina. Lilna, ibni, tatna bis-sieq.

Spiru. La nikber u nkun niflaħ għaliha naqlagħlha għajnejha...

Tonina. Il-Fortuna ħadd ma jista' għaliha, ibni... ħadd... u ł-anqas għandha għajnejn x'taqlagħlha għax għamja... il-Fortuna għamja, ibni...

Spiru. Min qalagħhomlha għajnejha?

Tonina. Forsi ix-xitan, għax il-Fortuna ma tagħmilx ħlief ingustizji ... Hu lil missierek... għandu ħamsin sena... ħamsa u tletin minnhom għaddiehom jaħdem u ħajjitna qanċeċ u isloħ kienet u qanċeċ u isloħ għadha.

Spiru. Missier Grezzju ta' fejnna għandu ħafna flus... Grezzju qalli li għandhom żewġt idwieb, baqra u tliet gniedes, qalli li issa missieru ser jixtrilu *motor cycle*...

Tonina. Hekk il-Fortuna, ibni, min jegħreq bil-ġid u min ma għandux għaxa ta' lejla... Min jiġri fuq *motor cycle* u min iqatta' l-qorq bil-mixi.

Spiru. Jien nixtieq kieku kelli *motor cycle*... Tgħid il-Fortuna ma tagħtinix wieħed?

Tonina. Meta, ibni?

Spiru. Nhar il-Milied li ġej... meta l-Fortuna ġġorr ħafna ħwejjeġ sbieħ fil-barżakka... ġugarelli lit-tfal foqra, pupi u karrozzi, żwiemel u helicopters...

Tonina. Ibni, l-Fortuna tagħna hija l-fortuna tal-Bambin...

Spiru. Kif tkun il-Fortuna tal-Bambin?

Tonina. Il-Fortuna tal-fqar.

Spiru. X'riħa ġejja, ma!

Tonina. Dik riħa ta' bakkaljaw... bakkaljaw qiegħed jinqela.

Spiru. Għoddna sirna bakkaljaw, ma!

Tonina. Tibżax, forsi fl-aħħar tħabbtilna l-bieb.

Spiru. Min?

Tonina. Il-Fortuna, ibni...

Spiru. Dik l-għamja? Li kont niflaħ għaliha; li kont naf fejn toqgħod

kont naghtiha xebgħa!

TONINA. Għaliex, ibni?

SPIRU. Naghtiha xebgħa u ntemmagħha l-bakkaljaw kollu li temgħet lilna, bakkaljaw moqli, minestra, ħobż, għaġin u żejt... (*bil-għadab*). Jien nixtieqha tmut sobtu l-Fortuna.

TONINA. (*bid-daħka*) Forsi għad tagħtiha għaxwa u tmut sobtu... min jaf; forsi llum tiġi għandna... forsi tħabbtilna l-bieb.

(*Il-bieb iħabbat tassew*)

SPIRU. (*igħajjat ferħan*) Ġiet il-Fortuna, ma! Niftħilha?

TONINA. Min ġie dal-ħin? Mur iftaħ.

SPIRU. (*x'ħin jiftaħ quddiemu jara xiħ u bil-herra*) Xi trid?

IX-XIH. Agħtini karità, ibni.

SPIRU. Hsibtek il-Fortuna.

IX-XIH. (*b'leħen imkarkar*) Agħtini karità... min jagħmel karità jkollu fortuna... jiġih riżq tajjeb.

TONINA. Għidlu jgħaddi... għidlu jgħaddi... forsi jġibilna x-xorti.

IX-XIH. (*hu u dieħel*) Ikun imbierek Alla... Alla jseddaq din id-dar. Min jagħmel karità jkollu riżq tajjeb...

TONINA. Oqgħod bil-qiegħda... ħalli nagħmillek skutella kafè taħraq.

IX-XIH. Grazzi ħafna... int mara qalbek tajba. Għad ikollok ir-riżq f'darek.

TONINA. Kafè iswed... ma baqax ħalib... nixtrilek ftit?

IX-XIH. Ma jimpurtax...

TONINA. Se nfittitlek fih.

IX-XIH. Alla jħallsek tal-għamil tajjeb... jagħtik ir-riżq...

TONINA. Nann, int taqra x-xorti?

IX-XIH. Naqra l-qalb, binti... naqra l-qalb...

TONINA. La darba qed tgħidli li ser ikolli riżq tajjeb, mela taf li xi darba hi għad trid tħabbatli l-bieb?

IX-XIH. Għal min qiegħda tgħid?

TONINA. Ara, għal min! għall-Fortuna!

IX-XIH. Hekk naħseb, għax qalbek tajba... Min hu qalbu tajba ma jbatix għal dejjem... xi darba l-Fortuna tmissu...

SPIRU. Mela lilek għax ma missitekx? Inti m'intix qalbek tajba?

IX-XIH. X'jonqosni, ibni? Lili l-Fortuna fetħitli ukoll.

TONINA. Tassew? Fetħitlek il-bieb?

IX-XIH. Fetħitli, binti!

SPIRU. Tassew? Sibt xejn flus, nann, x'ħin dħalt ġewwa?

IX-XIH. Sibt dak li kelli bżonn dak il-ħin... sibt skutella kafè taħraq bil-ftiet... Ikun imbierek l-isem t'Alla, ma rrid xejn iżjed...

TONINA. Daqshekk biss, nann? Daqshekk mhux ftit?...

IX-XIH. X'nambi iżjed?

SPIRU. Flus... ma għandekx bżonn flus?...

IX-XIH. X'nagħmel bil-flus, ibni?... Narġa' nsir żgħir ma nistax; nixtri l-mewt bihom ma nistax. Il-fortuna tiegħi tagħtini dak li jkolli bżonn dak il-ħin.

SPIRU. Ih! xi ftit!

TONINA. B'daqshekk tgħid li l-Fortuna fetħitlek?

IX-XIH. Għala le, binti? Mhux fortuna li bħal issa qed nieħu gost b'din l-iskutella kafè... li qiegħed nistrieħ bil-qiegħda?... li ma jiniex inħoss il-bard?...

SPIRU. Jien irrid nixtri *motor cycle.*

IX-XIH. Ma għandekx saqajk, ibni?... Xorta tasal fejn trid tmur; iddum ftit iżjed, dak kollu, u saqajk jibqgħu tajbin għax tħaddimhom... Min ma jħaddimx saqajh, saqajh jibbesulu.

TONINA. Jien irrid nixtri fejn noqgħod... nagħmel l-għamara tal-kawba. Qatt ma kelli għamara sabiħa... kont dejjem sfortunata.

IX-XIH. M'intix għaddejja kif int?

TONINA. (*b'leħen imxennaq*) Nixtieq ikolli ħafna flus biex nixtri kamra tal-pranzu. Bi tlett mitt lira jaħasra tagħmel festa u nixtieq nixtri senduq, inqiegħdu fl-intrata u linfa tal-kristall u tapiti tas-salott sbieħ, tapiti li jsaħħnu r-riġlejn meta jiksħu. X'differenza, nann, milli nibqa' dejjem kif jien.

IX-XIH. U mur ara, binti, dar żgħira u dar kbira, dar tiegħek u dar tan-nies, mhux kollha bil-bieb jagħti għal barra?

SPIRU. Tajba din... mela d-dar bla bieb?... kieku kif tista' tidħol fiha?

IX-XIH. Minn dak il-bieb xi darba kulħadd irid joħroġ biex ma jerġax jidħol...

TONINA. Mhux kulħadd, nann?

IX-XIH. Imma la darba kulħadd, għal fejn tħabbat rasek?... Hu dak li tagħtik il-Fortuna tal-ġurnata... l-għada terġa' tagħtik. Halli ngħidilkom x'tatni l-Fortuna dawn l-aħħar tlett ijiem... Nhar il-Hadd tatni qalziet u ġlekk nofs kedda, tahomli l-Avukat Fenech; il-bieraħ tatni żewġ flokkijiet mimlija rqajja', imma bla toqob (*jiftaħ sidru u jurihomlhom*). Ilbisthom illum l-ewwel darba... taf kemm isaħħnu!... Dal-għodu iddubbajt tmintax irbiegħi minn għand is-Sur Zarb tal-magna tad-dqieq; ħobża minn għand il-furnar; u din l-iskutella kafè minngħandkom... stonku mimli (*juri b'idejh*); l-għadam mirfud (*donnu jintrass ġol-flokk*); ħobż għal nofsinhar...

TONINA. U għada?

IX-XIH. Għada min raħ!... Dak jaraħ Alla... Il-mejda tiegħi għada lesta wkoll... għada jien niekol bħall-għasafar u d-dud ta' l-art... imissni sehmi bħalhom...

TONINA. Raġel imbierek int... kuntent... u ma jonqsok xejn la darba ma tħoss il-bżonn ta' xejn.

IX-XIH. (*Ixammem*) X'riħa ġejja!

TONINA. Riħa ta' bakkaljaw jinqela...

IX-XIH. Inħossha qed ixxoqqli qalbi...

SPIRU. Jaqq!... Lanqas irrid inxommha iżjed dik ir-riħa...

IX-XIH. Dir-riħa qanqlitli l-aptit...

TONINA. Halli naghtik biċċa sħuna, sħuna...

IX-XIH. Grazzi ħafna... Alla jagħtik ir-riżq ġo darek.

SPIRU. Ma nafx meta se nixtri *motor cycle* jiena.

TONINA. (*Bi ftit tal-bakkaljaw ġo platt*) Kul u qawdi, mela, la l-Fortuna tiegħek hija l-fortuna tal-bakkaljaw bħal tagħna...

SPIRU. (*lix-Xiħ*)... Hemm x'għandek ħiereġ mill-ixkora?

IX-XIH. Bil-ħaqq, din insejtha... xitla tal-laring... iddubbajtha minn għand gabillott... Kos, qed jiġini ħsieb.

TONINA. X'qed taħseb, nann?

IX-XIH. Min iħawwel siġra bħal min jiżżewweġ, is-siġra u min iħawwilha jridu jkunu tampar xulxin jekk iridu jgawdu l-frott it-tnejn... Jien kbir wisq għax-xitla... meta tagħmel il-frott ma nkunx għadni hawn... Nagħtiha lilek.

TONINA. Tagħtiha lili? Jien x'nambiha?...

IX-XIH. Iġġiblek riżq tajjeb. Laringa d-dar dejjem tajba bħal-lumija...

TONINA. Laringa id-dar... bakkaljaw u laring... mhux li xortiha titbiddel!...

IX-XIH. Hudha, ħudha, forsi ġġiblek ix-xorti t-tajba... min jaf... forsi xħin is-siġra tikber u toħroġ iż-żahar, tikber is-siġra ta' xortik u toħroġ iż-żahar... iż-żahar tal-laring ifuħ...

SPIRU. Mhux bħall-bakkaljaw moqli... Pħu, kemm jinten...

IX-XIH. (*bix-xitla f'idu*)... Min ser jieħu l-għarusa?... Jien xiħ wisq għaliha, ma baqagħlix żmien... Meta tagħmel il-frott jien inkun ħabbatt bieb ieħor... Il-bieb tad-dinja l-oħra... fejn la hemm xorti tajba u lanqas xorti ħażina; fejn wieħed joqgħod bil-qiegħda għal dejjem taħt il-friegħi ta' siġar kbar, ibaħbaħ riglejh fl-ilma ġieri li jsaqqihom.

TONINA. X'int tgħid, nann?

IX-XIH. Hadd ma jridha l-għarusa?

SPIRU. Hudha, ma; inħawwilha fil-mandra... nagħmlilha ħajt biex ittiġieġ ma jonqrulhiex il-weraq.

TONINA. Mela neħodha... forsi ġġiblek xorti tajba... forsi sa fl-aħħar tħabbatli.

IX-XIH. Jiena sejjer għal għonq it-triq... illum ġurnata sabiħa... (*itaptap fuq l-istonku*) inħossni mirfud sewwa issa... grazzi tal-kafè... grazzi ta' kollox.

TONINA. Grazzi lilek tas-siġra tal-laring... Jalla ġġibli l-fortuna...

SPIRU. Insaqqiha jiena u meta tagħmel il-laring immur is-suq bih u

nbiegħu u bil-flus li ndaħħal nixtri *motor cycle*.

Ix-Xiħ. (*lil Spiru*) Meta tagħmel il-lariñ ftakar fija wkoll... jien ma nkunx għadni hawn; nkun qiegħed għad-dell ta' siġra nbaħbaħ riġlejja għajjiena fl-ilma ġieri d-dinja l-oħra... ser inħallilek tifkira biex ma tinsini qatt... ser nitolbok favur. Tagħmilhuli b'tifkira?

Spiru. Mela le, nann! X'inhu?

Ix-Xiħ. Meta s-siġra tibda tagħmel il-frott l-ewwel larinġa li tagħmel ejja kulha fuq qabri... u għidli *regjem eterni* daqs kemm ikun hemm żerriegħa ġo fiha... (*Jaħseb biex joħroġ u xħin jasal fejn il-bieb idur lura lejhom u*) Jalla s-siġra tagħmel ħafna lariñ u il-Fortuna tħabbat biebkom! (*huwa u ħiereġ tidħol Marija, bint Tonina, bla kliem u bla sliem*).

Tonina. X'geddum ġibt? Jaqaw m'għamilna xejn?

Marija. Xortina mgħarrqa... riżqna ħażin, dellna tqil...

Tonina. X'numri telgħu?

Marija. It-72, il-41 u l-15...

Tonina. Din l-inkejja tax-xitan; din xorti ħażina; dawn huma n-numri li ħadna l-ġimgħa l-oħra... Narraħ mgħarraq ix-xitan!

Marija. Xortiha tajba l-ġara, bint Minka ta' Nazju... rebħet bin-numri li ħadna aħna l-ġimgħa l-oħra... rebħet tern bl-egħniebi... £300.

Tonina. Xortina mgħarrqa...

Spiru. Kemm ġej bit-tul dal-*motor cycle* tiegħi...

Marija. Min hu dak ix-xiħ? X'riżq ħażin ġibilna...

Tonina. Tallab, tallab kuntent jitlob... ara x'ħalliena warajh... (*turiha x-xitla tal-lariñ*).

Marija. Din x'ser nagħmlu biha? Dak ix-xiħ għamlilna riżq ħażin... ġibha 'l hawn ħalli narmiha 'l barra...

Spiru. (*Jaqbad ix-xitla*) Mela x'tagħmel! Dik tagħmel ħafna lariñ... u mmur inbigħu s-suq jien u bil-flus li ndaħħal nixtri *motor cycle*...

Tonina. Il-fortuna tal-bakkaljaw (*Jinstama' r-rediffusion iħabbar*) Illum huwa t-tlugħ tal-Lotterija Nazzjonali... l-ewwel premju huwa £35,000... min jitla' jibdel xortih; jekk ġa sinjur isir aktar sinjur milli hu, jekk hu fqir jibdel riżqu... fqir illum, sinjur għada...Nifirħulu (*ftit tal-background music waqt li jsir dan il-kumment*).

Tonina. £35,000... Insemmihom biss inħoss rasi ddur biha...

Marija. X'ma tixtax tixtri b'£35,000!... kowt tal-mink, kpiepel u żraben ta' kull kulur, handbags, u lbiesi ta' l-isbaħ u l-aħjar moda!?

Tonina. Dar fejn inkunu nistgħu nitqassmu aħjar... inkwatri taż-żejt għas-sala, għamara tal-kawba – kawba mastizz, narmi s-sodda żżaqżaq li għandna u nixtri oħra tal-ġewż minn għand Delia. Għal fuqha nixtri ukoll mitraħ tad-Dunlopillo.

Spiru. Jien nixtri *motor cycle* u karrozza *Rolls Royce* u nibda mmur l-Għadira biha u ngħum u niddeverti ma' sħabi.

TONINA. Mur ara kieku kif kulħadd igħir għalina... xi wġigħ ta' żaqq taqbadha l-ġara, mur ara...

*Redifussion: (iħabbar).* Wasal biex jitla' l-ewwel premju... tifel mill-Istitut ta' San Ġużepp imgħammad qed idaħħal idu fit-tanbur fejn jinsab in-numru fortunat... Bħal issa l-Fortuna hija r-reġina, sultana, kulħadd għarkubbtejha quddiemha... eluf ta' nisa, u rġiel jitolbuha bil-ħniena tiftakar fihom. Isimgħu l-ħsejjes tat-tanbur idur... il-ħsejjes tal-Fortuna... Iftħulha l-bieb ħalli tidħol! Iftħulha!... Iftħulha!...

TONINA. *(b'idejha marbutin bħal fit-talb)* Jaħasra, Fortuna, ħabbatli l-bieb; ejja darba għandi... San Lawrenz u San Ġakbu nagħmel wegħda li nsum ħobż u ilma għal xahar sħiħ jekk nirbaħ l-ewwel premju... jaħasra, Fortuna, ħabbatli!

MARIJA. Isa, jaħasra ħalli nifirħu darba biss f'għomorna... darba biss ... ferħa kbira.

SPIRU. U jien nixtri *motor cycle*...

REDIFFUSION. Il-Ministru tal-Finanzi ser itella' l-ewwel premju...

*(Pawsa ta' taqtigħ il-qalb)*

*Leħen il-Microphone.* L-ewwel premju ta' £35,000 rebħu l-biljett binnumri 67931, serie X. *In-nome de plume* huwa *Buganda* u ir-rebbieħ joqgħod in-Nigeria...

TONINA. Narra x-xjaten tgħarraq in-Nigeria... iva lanqas il-barranin ma jifilħu jħalluna nittamaw ix-xorti t-tajba bejnietna...

MARIJA. Nistgħu naqtgħu qalbna...

SPIRU. Mela m'għadx baqa' premjijiet?

TONINA. Ix-xemx minn fil-għodu turik... la ma ħadniex l-ewwel se nieħdu t-tieni?

*(Ir-Rediffusion iħabbar l-ewwel tliet premjijiet li jkunu kollha minn barra)*

TONINA. *(x'ħin jispiċċa tgħajjat)* Agħlaqlu dak l-imgħarraq ta' Rediffusion... għalina m'hemmx ħniena... il-ġilda dratu s-swat... xortina ħażina.

MARIJA. Ma, għandek xi ħaġa fuq in-nar?... x'riħa ta' ħruq...

TONINA. Il-bakkaljaw... insejtu... lanqas bakkaljaw x'nieklu m'hu ser jibqgħalna llum...

SPIRU. Nieħdu gost li kieku dak l-imgħarraq ta' bakkaljaw inħaraq, lanqas nisma' bih ma rrid...

TONINA. Taf għax tgħid hekk, ibni? Għax ma tafx x'jiġifieri tixtieq ħaġa, trid tixtriha u ma għandekx flus biex!

MARIJA. Għamilhielna missierna... mar l-Ingilterra biex jaqla' flus iżjed u nsiena... lanqas jibgħat ħabba d-dar.

TONINA. Insiena ħajjin aħseb u ara mejtin... sewwa jgħidu li min isiefer jinsa lil min iħalli warajh.

SPIRU. L-iskola tgħallimna proverbju... Taf xi jgħid? Bogħod mill-għajn bogħod mill-qalb.

*(iħabbat il-bieb)*

TONINA. Mur iftaħ, Marija! Nispera li ma raġax ġie xi tallab ieħor. Biżżejjed li għoddna sirna tlaleb aħna.

MARIJA. *(tiftaħ)* Tal-posta... ma.

TAL-POSTA. *(lill-Tonina)* Ittra reġistrata... iffirma ismek hawn.

TONINA. *(tiffirma – bil-ħerqa lil Marija)*... Ittra mill-Ingilterra...aqraha ... ara x'fiha... forsi missierek fl-aħħar messitu l-kunxjenza u ftakar fina.

MARIJA. *(taqra l-ittra)*... Għażiża marti, jiena naħseb li intom irrabjati ħafna għalija talli ma bgħattilkomx ħabba s'issa. M'hux għax ridt ma bgħattilkomx, imma għax għamilt ħafna żmien qiegħed... u xi xahar u nofs marid. Li lħaqt qlajt ridtu għall-ħajja... Biex tgħix hawnhekk trid wisq... kollox għali nar u bla flus ma tmur imkien... Il-klima m'hix taqbel miegħi. It-tabib qalli li qed tagħmilli ħsara kbira f'saħħti... jekk nibqa' hawn nimrad bil-kaxxa...

TONINA. X'waħda din!... Kemm hi xortih ħażina Pawlu tiegħi... Dan kien jonqsu issa...

MARIJA. *(kompli taqra l-ittra)*... Irrid nagħtikom surpriża; nurikom qalbi ... Jien ġej lura bl-ajruplan. L-ajruplan itir fil-għoli fejn itiru l-għasafar; jekk jaqa' jien nitfarrak u nsir laqx... *(Marija timsaħ għajneja)*... miskin missieri...

TONINA. Miskin Pawlu...

SPIRU. U dan missieri se jibża' mill-ajruplan daqs kemm itiru nies bih!

MARIJA. *(tkompli taqra)* għalhekk irranġajt hekk... f'ħajti lill-familja ma stajt qatt inżommha sewwa. Haj ma niswielha xejn... imma mejjet nista' ngħamilha sinjura... Assiguraјt ħajti għal £10,000... jekk ma nasalx jien jaslu l-flus jokkonslawkhom... itolbu li kollox imur b'wiċċ il-ġid. F'din l-ittra ssib iż-żewġ polzi tal-assigurazjoni... żommhom, erfagħhom... ibża' għalihom. Qed ninposta l-ittra bl-ajru ġurnata qabel nitlaq minn hawn... jekk ma nasalx jien l-ittra tasal żgur. Jekk titilfuni stabru... ftakru fl-£10,000. Saħħa Tonina tiegħi. Tkunu imberkin uliedi tiegħi – Marija u Spiru. L-għażiż missierkom Pawlu.

MARIJA. £10,000... X'ma tixtrix b'£10,000!... Min qatt ħolom b'£10,000! Bihom jiena jkolli biex nilbes sewwa – kollox l-aħħar moda, mhux ta' kaf kaf.

TONINA. B'£10,000 nistgħu nixtru u narmaw dar sabiħa fejn noqgħodu. Dejjem xtaqt post villeġġatura. Nixtri villa żgħira San Pawl il-Baħar.

SPIRU. B'£10,000 jiena nkun nista' nixtri *motor cycle* u karrozza sabiħa.

TONINA. Mur ara lill-ġara li rebħet tem bl-egħniebi... Dawk il-£100 lanqas issibhom... taħmil is-snien.

MARIJA. B'£10,000 nurihom lill-kesħin tat-tabib li nafu nilbsu aħjar minnhom... mur ara kemm ilbies ta' valur qegħdin jilbsu...

SPIRU. Meta s-sigra tax-xiħ tagħmel il-lariġ, naqtagħhom jien... immur

is-suq u bil-flus li ndaħħal nixtri *motor cycle.*
*(Iħabbat il-bieb. Jitfaċċa Pawlu bil-bagalji f'idu. Dan jiftaħ dirgħajh biex igħannaq lil martu u lil uliedu – għal ftit jibqgħu jħarsu lejh ċass. Fl-aħħar l-omm u l-bint imorru jgħannquh. It-tifel jeħodlu l-bagalji minn idu)*

PAWLU. *(lil martu li qiegħda tibki)* Għal fejn dal-biki?...Issa 'k Alla jrid ngħixu flimkien nibda nfittex ix-xogħol... Hawn xejn fejn taħdem Malta?... *(ixomm)* Din x'riħa hi?... qed tiftaħli l-aptit...

MARIJA. Riħa ta' bakkaljaw, pa.

PAWLU. Il-bakkaljaw moqli jogħġobni... Dawk l-imberkin Ingliżi qatt ma jagħmlu ftajjar tal-bakkaljaw moqli fiż-żejt... se nidħol fil-kċina nieħu ftira minnhom...

MARIJA. Mela le, pa? *(b'leħen imqarras)*, Għalina l-fqar x'hemm aħjar mill-ftajjar tal-bakkaljaw?...

PAWLU. *(lil martu li għadha tibki)*... Imma għax qed tibki?...

TONINA. Lanqas naf Pawl *(xħin żewġha – weħedha)*... Tassew għax qed nibki?... Sewwa staqsieni Pawlu... għax qed nibki?... *(b'leħen isteriku)* Lanqas ma naf. *(tinfaqa' f'bikja u lfiq waqt li jingħalaq is-siparju)*

21/1/'56.

## TEDDY BOY

*Qalziet magħmul lenbut ta' l-Arlekkini,*
*bil-but minn wara jfeġġ maktur minn fommu;*
*kalzetti taħt il-qalza ħomor fini,*
*bi qmis ħamra f'mixjitu ħadd ma jżommu.*

*Fuq moħħu troffa xagħ'r tal-Libertini,*
*ta'* sansculotte *barbetti, f'wiċċu xxommu*
*jgħidlek: għall-qilla ħadd ma jgħaddini!*
*Ċaħad il-ġieh ta' dar missieru u ommu.*

*Fost in-nisel taż-żgħażagħ ta' dil-gżira*
*xempju ta' xitla barranija mħawla*
*fl-art tagħna li b'warditha saret fqira.*

*Rasu merfugħa 'l fuq kollha ferħana*
*li tagħha d-dinja l-lum, għaliex imdawla*
*b'nar it-tiben li bih qalbu tistagħna.*

A. CREMONA

# KWADRI MILL-ĦAJJA MALTIJA

Ta' G. CASSAR PULLICINO

MILL-GWERRA 'l hawn il-ħajja nbidlet. Inbidlet imħabba l-pagi aħjar, imħabba li kiber it-tagħlim tal-poplu, imħabba li bit-traffiku l-irħula ġew eqreb lejn l-ibliet, imħabba li ħafna Maltin tlaqqgħu ma' barranin jonkella krewlhom magħhom, imħabba li kulħadd sar jaf jilbes aħjar, li ħafna mix-xogħol illum qed isir bil-magni, imħabba s-safar tal-Maltin, u mħabba ħafna ħwejjeġ oħra li trid wisq biex toqgħod issemmihom kollha. Il-ħajja nbidlet maż-żmien, u kif igħidu, 'iż-żmien igħaddi u 'l ħadd ma jsellem: igħaddi bla ma jitkellem'. Hekk hu: igħaddi bla ma jitkellem. U tinduna kemm igħaddi ż-żmien u kif jinbidlu ż-żmenijiet meta tieqaf taħseb fuq iż-żmien ta' dari, żmien tfulitek u l-ħajja li mrobbi fiha inti u sħabek, u tara kif saret illum, kemm ħwejjeġ li dari kont tarahom kulljum illum qaj-la tiltaqa' magħhom darba fil: kif kullimkien, fl-ibliet u fl-irħula, qed isir xorta, u Malta kollha pajjiż wieħed; kemm żdiedu u rmaw ħwienet sbieħ barra l-Belt, u kemm hawn kumdità iżjed illum milli dari, u kif ħafna *vans* ħadu post il-bhejjem, u t-triqat miżgħudin bil-*cars* li nhar ta' Ħadd ma jaqtgħu xejn lejn in-naħiet tax-xtajta, u kif ħadet bl-ikrah din tax-xalati, mhux biss nhar ta' Ħadd, imma wara l-festa tal-pajjiż, li nofs il-belt jew ir-raħal jitlaq ġurnata sħiħa 'l barra, b'dak l-għajat, dak il-ferħ bla għaqal, dak l-ikel u dak ix-xorb...

Imma ħa niġi għal dak li rrid ngħid illum. Għalkemm għadni m'inix kbir, kulltant nistagħġeb bija kif nibda nitkellem fuq ħwejjeġ li jiena naf jew niftakar kif kienu għoxrin jew ħamsa u għoxrin sena ilu. Donnu lbieraħ meta kont ngħid li sa nagħlaq l-għoxrin, u llum... niftakar x'sar ħamsa u għoxrin sena ilu! U kulltant noqgħod naħseb, waħdi, bejni u bejn ruħi... Naħseb fuq iż-żmien ta' dari... u nerġa' mmur lura fiż-żmien ngħix il-ħajja ta' tfuliti u mill-ġdid nara, bħal f'ħolma, l-uċuħ ta' dawk kollha li kont nilgħab magħhom, ta' dawk l-oħrajn li kont nibża' minnhom, jonkella ta' dawk li magħhom kont nedha niġġiera minn post għal ieħor li tagħhom illum għad għandi tifkira mċajpra u mbiegħda.

U f'ħinijiet bħal dawn, niftakar f'dak il-wieħed li kien igħaddi minn raħal għal ieħor, bil-ħorġ mixħut fuq spalltu, u jgħajjat 'X'sa tbiegħli!'. Igħidulu 'tat-tjur', u kien jixtri xi tiġieġa minn ġod-djar – tiġieġa li aktarx tkun refgħet mill-bajd – xi fenka, u hekk. U mbagħad erħilu jfissirlek x' għandhom – għax aktarx li dawn it-tjur ikollhom xi ħaġa – u jgħaġġibha biex inaqqaslek il-prezz u jgħid li mhu sa jġib tagħhom xejn hu jekk idaħħalhom is-suq... Meta jikkorda, arah jitfa' t-tiġieġa fil-ħorġa u mill-ġdid jibda' jgħajjat: 'X'se tbiegħli?'. Imma, qed niftakar, mhux biex jixtri t-tjur biss kienu jsejħulu: ġie li kienu joqogħdu jistennewh igħaddi biex

isaqsuh fuq xi marda tat-tjur, x'jagħmlulha 'l dik it-tiġieġa għall-imħat, 'il dak iż-żarmuġ għall-muzalz, 'il dawk il-fenkiet għaż-żaqq, . . . għax *tat-tjur* jifhem, u jaf x'igħid ħafna. . .

Wiċċ ieħor ifeġġ quddiemi minn ġoċ-ċpar tal-imgħoddi . . . tal-qubbajd! Mhux tal-qubbajd li jarma bl-imwejjed kull fejn ikun hemm festa, imma tal-qubbajd ieħor, li kien igħaddi mit-raħal tagħna tista' tgħid kull nhar ta' Ħadd. Idur il-Każini, jidħol fil-ħwienet, igħaddi mat-triqat bit-tilar quddiemu, aktarx mgħotti bil-luna. Igħarfu kulħadd, u kulħadd jaf li jista' jdawwar iċ-ċippidodu fuq il-luna u mbagħad jieħu qubbajd skond ma jkun rebaħ meta dawwar. Għalhekk kont tara ħafna nies ħerġin minn ġol-bibien u mis-sqaqien meta jisimgħu dik l-għajta tiegħu nofsha grixtija: 'Min joħlomhielu?'

Niftakar ukoll f'dak l-ieħor *tal-bigilla*. Igħaddi għall-ħabta ta' nżul ix-xemx, dħul ix-xitwa, jimbotta kaxxa quddiemu bil-borma tal-bigilla imgħottija b'sarvetta bajda. In-nies — aħna t-tfal ukoll — joqogħdu jistennewh igħaddi, u meta jisimgħuh ġej, joħorġu bil-platt f'idhom u jixtru b'soldjew b'sitt ħabbiet. U erħilu jimlielek il-platt bil-bigilla, li tkun magħmula mill-ful imgħolli u wara misħuq fil-meħrież, u miegħu jagħmlu nagħnieh, merdqux, ħall, rewm, ħabaq u bżar aħmar u żejt. U jkollu flixkun bil-ħall u bott bil-bżar aħmar u jroxxlok il-ħall jekk ma tiħdux bil-bżar. . . Jingħaraf mill-għajta tiegħu, għajta l-ewwel biċċa maħtufa, u t-tieni mkarkra, xi ħaġa hekk: 'Tajba l-lejla!' Illum iż-żmien għadda, u qajla għadek tara 'l tal-bigilla ħlief xi wieħed fil-bogħod. U mindu kbirt sirt naf li din ħaġa ta' Malta biss għax Għawdex ma ssibhiex, u l-kelma *bigilla* hemmhekk ma jafux biha. . .

Imma iktar minn dan kont inkun nistenna 'l *tal-karawett*. Niftakru, raġel xwejjaħ, milwi biż-żmien, ikaxkar bil-qorq mat-triqat, bis-soldi magħmulin għoqda fil-maktur li jqiegħed ġos-sidrija, għaddej ta' kulljum minn quddiemna, darbtejn kulljum — f'nofs inhar u qabel l-ikla ta' filgħaxija . . Kien iġorr il-karawett jew fi xkora fuq dahru, jonkella f'qoffa ma' ġenbu. Ibiegħ bil-kejla jew bil-għadd, u barra karawett ibiegħ ukoll il-ful inkaljat, iċ-ċiċri tal-Lvant u, fi żmienu, il-qastan u l-lewż. Kont ssibu f'xi pjazza, fuq il-venda tal-karrozzi, fejn it-talkies, fix-xatt fis-sajf — u kull fejn ikun, imqar minn qalb ir-rassa, leħnu jinstema' jgħajjat: 'Ful u ċiċri u karawett!' jonkella 'Il-marruna reġgħet ġiet!' 'Mgħollija u nfurnata!' Ara jaħraqlek il-wejda' . . . U bil-lejl, huwa u rieġa' lejn id-dar, kien igħaddi igħanni minn mat-triqat. . . b'dak il-leħen sabiħ tiegħu li ħafna drabi kien iġagħlni naħseb x'tenur kien joħroġ minnu li kieku sab min jagħmillu l-qalb, u jgħallmu u jkissru fuq il-kant. . .

Imma bħalissa qed niftakar f'ħaġ'oħra. Il-wiċċ tat-toroq dak iż-żmien ma kienx bħal tal-lum, miksi *bil-colas*, imma kull meta tgħaddi karrozza kienet tqajjem trabijiet tal-biża' li jifgawk. Imn'Alla kien igħaddi tal-

bexxiexa biex it-trab joqgħod għal-ftit. Tkun bettija kbira bl-ilma, fuq karettun miġbud minn żiemel, u r-raġel jimxi man-naħa tal-bettija waqt li sieħbu jbixx wara. L-ilma igħaddi minn ġol-bettija għal ġo manku u joħroġ minn bexxiexa li jkollha ħabel magħha li dak ta' wara jibda jxengel minn naħa għal oħra u jekk ibixx it-triq. U dak li jbixx itella' l-qalza u barra li jxammar, niftakar, ikun aktarx ħafi...

U x'ingħidu għal *tal-fanali*, li sakemm bdiet il-gwerra f'ħafna rħula kont tarah għaddej, bis-sellum fuq dahru, bil-landa tal-pitrolju f'idu, u b'boċċa biex jimsaħ it-tubu qabel jixgħel. Is-sellum kien iqiegħdu mal-ħajt, u jitla' jixgħel, u jdawwal it-triq, għax dak iż-żmien it-triqat wara nżul ix-xemx kienu jsiru dlam ċappa, toqtol u tidfen fihom... Illum iż-żmien għadda, u t-tifkira tal-kebbies tal-fanali ħadet sura u libsa poetika li nebbħet lil wieħed mill-aħjar poeti tagħna, l-avukat Anton Buttiġieġ, biex jikteb versi ħelwin ħafna jisimgħhom: *Il-Kebbies tal-Fanali:*

Kull filgħaxija
kif mal-għabex
tnin u tmut saħħet il-jum
jiġi Majsi bis-sellum
u jixgħelli taħt it-tieqa
fanal ċkejken,
li tal-lejl itaffi d-diqa.

Saħħti wkoll
qed inħossha tmut kulljum,
iżda msejkna l-Poeżija,
kull fil-għaxija,
dlonk tixxabbat mas-sellum,
u ġo qalbi
tixgħel naqra ta' fanal
illi jtaffi ftit id-diqa sa ma jmut ta' ħajti l-fdal.
Alla ħares ma kienx Majsi
Illi jagħmel ftit tad-dija;
U ma' Majsi — Alla ħares
ma kenitx il-Poeżija!

Is-*searchlight* tat-tifkiriet jaqleb minn fuq in-nies għal fuq dehriet oħra xejn inqas ħajja u mlewna... Qegħdin fuq il-għajn, daqs tletin sena ilu, f'dak ir-raħal ta' tfuliti fejn ftit kienu d-djar li għadhom daħħlu l-ilma tal-vit, u l-ilma tax-xita mhux biżżejjed għall-ħajja, u għalhekk fis-sajf kulħadd imur jimla minn fuq il-għajn. Hemm serbut nisa u tfal jistennew wara minn imisshom jew iqabbżu 'l ta' qabilhom biex jimlew huma. Aktarx li kull wieħed jieħu miegħu l-muftieħ tal-għajn. It-tfal jimbuttaw 'il xulxin

u jxerrdu l-ilma fl-art u jagħmlu kull m'hemm ċfales. U anqas ma tista' timla bil-kwiet, għax issa waslu n-nies tax-xatt trid twarrbilhom biex jixorbu huma għax waslu bil-għatx u baqagħlhom ħafna x'jimxu, issa ġej dak l-ieħor irid jisqi l-bhima u ma jistax jistenna, u issa waqaf dak l-ieħor bil-karrozza jrid landa ilma malajr biex ikessaħ il-magna... Un-nisa waqt li jistennew jaraw min hu għaddej u jridu jafu kull wieħed minn ta' min hu, u għalfejn qed igħaddi minn hemm ta' sikwit...

In-naħa tal-Għassa, f'dik it-triq li tagħti għall-għalqa fejn konna nilagħbu l-ballun, kien hemm il-ħajjata. Dak iż-żmien, iktar mill-lum, ħajjata f'raħal tiswa mitqlha deheb. L-ewwelnett dak li jkun ma jagħtix il-ħjata barra r-raħal, u barra minn hekk, jekk ikollok tifla tista' tibgħatha titgħallem taħt fejn tilħaqha taħt għajnejk, u l-pont tal-ħjata jiswa, għax tifla dak li jaqlagħha! U l-ħajjata ddaħħallek il-lavranti, u tgħallimhom ifasslu fuq il-figurin, u ttihom ix-xogħol biex jidraw, waħda xxellel, l-oħra ssarsar, dik tħit il-kefef, l-oħra ttella' l-pudija jew tgħaddi d-dublett bil-magna. U xi ftit jitkellmu wkoll fuq il-proxxmu, dik 'il min hi tkellem, l-oħra meta sa ttejjeġ, x'kienet liebsa l-mara tat-tabib u fejn siefru dawk li żżewġu dan l-aħħar, u kemm bena dar sabiħa u armata bil-kif dak il-qassis li ġie joqgħod hemm mill-Belt...

Waħda oħra u biżżejjed! Issa qegħdin għand il-barbier. Lit-tfal aktarx jeħduhom biex iqarwiżhom ma' tul il-ġurnata, għax filgħaxija jkun hemm l-irġiel, u dawn iqabbżuhom. Imma l-iktar li jkun hemm nies nhar ta' Sibt filgħaxija — għax il-leħja tas-Sibt tiswa għall-Ħadd ukoll, u mbagħad ħalli ddum ftit ieħor ma' tul il-ġimgħa, għax ma tagħtix każ, u l-aqwa tal-Ħadd! U waqt li jistennew kulħadd jitħaddet u jpaċpaċ, issa fuq li x-xita ma għamlitx is-sena, issa fuq kif inhu sejjer is-suq tal-majjali, wieħed ifieħem fuq l-armar il-ġdid tar-raħal ta' ħdejhom, ieħor fuq il-passa tal-gamiem, l-ieħor fuq il-logħob tan-nar li għamel l-Isqalli li ġiebu jaħdem għall-festa r-raħal ta' Ħ... Madwarek kollox ifakkrek fi ħwejjeġ li jogħġbu 'l dawk in-nies li hemm jistennew: mal-ħajt ritratti ta' żwiemel tat-tiġrija jew ta' xi *boxer* magħruf, ngħidu aħna Carnera, jew Max Baer jew Joe Louis... Hemm ukoll ritratti tal-karrozza tal-linja li armat ġdida fuq il-venda tar-raħal, inkwatri fuq il-kaċċa, stampi tar-re u r-reġina, mirja żgħar u terer u fliexken tal-fwieħa f'armatura... Waqt li n-nies bilqiegħda fuq il-bank ta' mal-ħajt, il-barbier iqaxxar il-leħja bil-mus, u wara jgħaddih fuq il-mejlaq, u tifel żgħir jissapna 'l min imissu wara...

Imma kif igħaddi l-ħin! Ili ngħid ħafna, u għadni m'għedt xejn minn dak li ridt ngħid illum. Dehriet oħra li għaddew ħfief minn quddiemi laħqu ħarbuli u ma stajtx inniżżilhom... Oħrajn daħlu fuq xulxin u ddennsu... Għad fadalli ħafna x'ngħidilkom, imma darb'oħra, meta nerġa' nsib ruħi fil-kwiet, u waħdi, u ħsiebi jerġa' jtir lejn l-imgħoddi...

EST. 1900

Phone C. 24193
CABLE "FLORIDIA MALTA"

FOR BOOKS

**Pass your orders to:-**

**J. Floridia & Sons**

WHOLESALE BOOKSELLERS & DISTRIBUTORS

**51, ST. JOHN STREET, VALLETTA**

Suppliers to H.M. Ships, Libraries, Bookstalls and Messes.

LAKELANDS (Malta) LTD.

Fruit Canners and

Jam Manufacturers

17, TIMBER WHARF,

MARSA.

Telephone: Central 25995